# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-30 TA' GUNJU 2020**

**Kawża Nru: 2K**

**Rik. Kost. Nru. 101/2018 RGM**

**Kingsley Wilcox**
**(K.I. 34954A)**

**vs.**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ta' Kingsley Wilcox** ippreżentat fl-4 t'Ottubru, 2018 li permezz tiegħu ippremetta u talab is-segwenti:

1. Illi nhar it-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) madwar l-għaxra ta' filgħodu (10:00 am), il-pulizija tal-iskwada ta' kontra d-droga ġew infurmati minn uffiċjali tad-dwana fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta li ċittadin Niġerjan twaqqaf fl-ajruport f'Malta wara l-wasla tiegħu fuq it-

titjira FR7798 minn Valencia, Spanja b'suspett li huwa seta' kien qed iġorr id-droga. Għalkemm ma nstabitx droga fuq il-persuna tiegħu jew fil-pussess tiegħu, wara li l-kontenut tal-mowbajl tiegħu ġie analizzat mill-pulizija, daħlilhom suspett li dan in-Niġerjan kien irċieva struzzjonijiet sabiex imur it-Tropicana Hotel f'Paceville, Malta. Din il-komunikazzjoni kienet suspettuża għall-persunal tal-Iskwadra ta' kontra d-droga minħabba li indikat li terzi persuni jistgħu jkunu involuti f'attività illegali relatata mad-droga.

2. Illi skont din l-informazzjoni l-pulizija ta' l-iskwadra ta' kontra d-droga ingħataw struzzjonijiet mis-superjuri tagħhom biex jispezzjonaw it-Tropicana Hotel sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm xi *walk-ins* li talbu alloġġjamnet hemm. Fil-fatt, ġara li ċittadin Spanjol bl-isem ta' Jose Manuel Domingo Benito, li kien għadu kemm wasal f'Malta minn Valencia, kien fittex akkomodazzjoni f'dik il-lukanda, speċifikament fil-kamra 630 tagħha. Meta l-pulizija daħlu f'din il-kamra, sabu l-imsemmi Jose Manuel Domingo Benito u wara li saret tfittxija bir-reqqa fil-kamra tiegħu instabet bagalja li kien fiha żewġ pakketti ssiġillati suspettati li kien fihom ammont konsiderevoli ta' kokaina kif ukoll traċċi ta' ħaxixa tal-kannabis fuq l-iskrivanija fl-istess kamra. Illi proċeduri separati ttieħdu kontra Manuel Domingo Benito.

3. Illi wara investigazzjonijiet ulterjuri l-pulizija kellhom suspett li d-droga li nstabet fil-pussess ta' Jose Manuel Domingo Benito kienet intenzjonata li tiġi traffikta għand terzi persuni f'Malta. Fil-fatt, Manuel Domingo Benito informa lill-pulizija li raġel iswed li kellu jkun liebes berritta sewda kelli jiġi jistenniħ fil-*lobby* tal-lukanda sabiex jieħu d-droga. Il-pulizija osservat il-*lobby* tal-lukanda iżda ma kien hemm l-ebda raġel iswed liebes beritta sewda. Għalhekk, il-pulizija marru jfittxu fil-viċinanzi tal-lukanda sakemm lemħu lill-applikant ftit toroq 'il bogħod mit-Tropicana Hotel. L-applikant ġie arrestat u interrogat mingħajr ma ġie debitament avżat bid-drittijiet tiegħu u ntalab jikkonferma informazzjoni dwar bosta individwi.

4. Illi l-pulizija marru fid-dar tar-rikorrenti fl-Iklin u għamlu tfittxija intensiva fil-post. Illi ma nstabet ebda droga jew oġġetti relatati mad-droga. Illi bosta uffiċjali tal-pulizija staqsew lill-appellant u talbuh jikkonferma informazzjoni dwar terzi persuni.

5. Illi peress li ma kellu xejn x'jaħbi, r-rikorrenti kkoopera kemm seta', u f'dan l-istadju huwa wkoll aċċetta li jipparteċipa f'żewġ konsenji kkontrollati, kompletament imħejjija mill-Iskwadra ta' kontra d-droga. Illi matul dan il-ħin kollu, r-rikorrenti dejjem ċaħad li kien involut personalment kemm fit-traffikar tad-droga u/jew fil-konfoffa. Wara l-konsenji kkontrollati, huwa ġie interrogat u l-pulizija ħadulu stqarrija, iżda r-rikorrenti ma qabilx mal-kontenut u għalhekk għażel li ma jiffirmax l-istqarrija.

6. Illi wara li r-rikorrenti ppparteċipa fil-konsenji kkontrollati, huwa tressaq b'arrest u ġie akkużat quddiem il-Qorti u eventwalment għadda ġuri.

7. Illi l-Avukat Ġenerali iddikjara li minħabba n-natura taċ-ċirkostanzi li seħħew nhar it-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) u matul il-ġranet u x-xhur ta' qabel dik id-data, kif indikat fl-Att tal-Akkuża jirriżulta li l-akkużat b'għemilhu volontarjament ipparteċipa f'konfoffa sabiex tiġi importata mediċina perikoluża (kokaina) bl-intenzjoni li din tiġi fornuta jew imqassma lill-terzi filwaqt li kien jaf li tali droga kienet ser tiġi traffikata kontra l-liġi.

8. Illi l-Avukat Ġenerali akkuża lil Kingsley Wilcox nhar it-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) u matul il-ġranet u x-xhur ta' qabel dik id-data forna jew traffika f'sustanza illegali (kokaina), mingħajr liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa jew mingħajr ma kien awtorizzata taħt dawn ir-Regolamenti jew b'awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa biex iforni d-droga msemmija (kokaina), jew mingħajr ma kellu l-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV u Taqsima VI ta' l-Ordinanza, u mingħajr ma kellu liċenzja jew

kien mod ieħor awtorizzati biex jimmanifattur l-mediċina jew mingħajr liċenza biex jakkwista l-istess; u talab li l-akkużat jiġi ġudikat skont il-liġi, u li jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux anqas minn elfejn tliet mija u tletin ewro (€ 2330) u mhux aktar minn mija u sittax-il elf u ħames mitt ewro (€ 116,500) u għall-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-proprjetà immobbli u mobbli kollha li fiha seħħ ir-reat kif deskritt fl-Att ta' l-Akkuża, kif stipulat u stabbilit fis-sezzjonijiet 9, 10 (1), 12, 14, 15 (A), 20, 22 (1) (a) (2) (a) (i) (1B) (3A) (a) (b) (c) (d), 22A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regolament 4 tar-Regolamenti ta' l-1939 għall-Kontroll Intern ta' Drogi Perikolużi (Avviż Legali 292/39), u fit-taqsimiet 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra applikabbli skond il-liġi mas-sejbien tal-tija tal-akkużat.

9. Illi l-Onorabbli Qorti Kriminali tat sentenza fit-8 ta' April 2017 u wara li rat il-verdett tal-ġurija kkundannat lir-rikorrent għal piena ta' priġunerija għal ħmistax-il sena u għall-ħlas ta' multa ta' tletin elf ewro (€ 30,000) li għandha tiġi konvertita f'sena priġunerija skond il-Liġi, fin-nuqqas ta' ħlas.

**B. L-istqarrija tal-akkużat u l-ammissibbiltà tagħha bħala evidenza fil-proċedimenti:**

10. Illi immedjatament wara l-arrest tiegħu, l-pulizija interrogaw lir-rikorrent mingħajr ma tawħ id-drittijiet tiegħu. Illi waqt it-tfittxija fl-appartament tiegħu fl-Iklin u wkoll fi triqthom lejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, l-uffiċjali tal-Iskwadra ta' kontra d-droga kkonvinċew lir-rikorrenti biex jikkonferma informazzjoni dwar diversi individwi u wkoll ħeġġuh biex jipparteċipa f'konsenja kkontrollata. Illi eventwalment ir-rikorrenti ppparteċipa b'mod attiv f'żewġ konsenji kkontrollati kompletament imħejjija mill-Iskwadra ta' kontra d-droga u kien strumentali għall-arrest ta' ħafna persuni oħra. Wara l-konsenji kkontrollati, ir-rikorrenti ġie interrogat tard bil-lejl u mingħajr il-benefiċċju li jkollu l-avukat tiegħu preżenti waqt l-interrogazzjoni, kuntrarjament għal dak li jipprovdi l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ('**Kostituzzjoni**') u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni

Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ('**Konvenzjoni**') u għalhekk bi ksur ta’ tali artikoli.

11. Illi l-esklużjoni ta' avukat ta' l-għażla tiegħu waqt l-hekk imsejjaħ *pretrial stage* u aktar importanti min hekk waqt id-diskussjonijiet li wasslu għal ftehim sabiex seħħew il-konsenji kkontrollati u waqt l-interrogazzjoni u t-teħid tal-istqarrija, tikser id-dritt fundamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq u tali ċaħda tal-assistenza waqt l-interrogazzjoni u t-teħid tal-istqarrija ppreġudikat id-drittijiet tiegħu b'mod esponenzjali.

12. Illi d-drittijiet fundamentali taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ġew preġudikati b'mod irrimedjabbli meta huwa kien miżmum u mitkellem mill-pulizija u rrilaxxa stqarrija waqt l-interrogazzjoni mingħajr il-preżenza ta' avukat u kkonvinċewħ biex jikkonferma informazzjoni dwar individwi oħra li aktar tard intużat bħala evidenza kontrih biex tissostanzja t-teżi tal-pulizija li l-applikant kien konxju mill-konfoffa biex tiġi traffikata d-droga u li kien attur ewlieni f'tali konfoffa.

13. Illi l-istqarrija tar-rikorrent ma kellhiex tkun ammissibbli kemm fil-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u lanqas quddiem il-Qorti Kriminali. Il-Qorti ma setgħetx tinjora mhux biss il-prinċipju issa konfermat u stabbilit mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ("**ECtHR**") ċioe li d-dritt għal smigħ xieraq kif stabbilit fl-Artikolu 6 (1) u l-Artikolu 6 (3) (c) tal-Konvenzjoni għandu japplika mhux biss matul il-proċedimenti kriminali quddiem il-qrati, iżda wkoll matul l-istadju kollu ta' qabel tali proċess; jiġifieri l-istadju meta s-suspettat jiġi arrestat u jkun se jiġi nterrogat u tittiħidlu stqarrija.

14. Illi konsegwentement, il-Qorti tal-Maġistrati u l-Qorti Kriminali kellhom *ex officio* jiddikjaraw li l-istqarrija tal-akkużat kienet inammissibbli u jordnaw l-isfilz tagħha.

15. Illi fid-deċiżjoni storika fl-ismijiet **Salduz vs. Turkija**[1] deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2008, l-Grand Chamber tal-ECtHR iddikjara li *"the rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction."*

16. Illi fid-deċiżjoni **Panovits v. Cyprus**[2] deċiża nhar il-11 ta' Diċembru 2008 l-ECtHR iddikjara illi *"the concept of fairness enshrined in Article 6 requires that the accused be given the benefit of the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation. The lack of legal assistance during an applicants' interrogation would constitute a restriction of his defence rights in the absence of compelling reasons that do not prejudice the overall fairness of the proceedings."*

17. Illi l-Qorti ta' Strasburgu segwa l-prinċipji stabbiliti fil-każ ta' Salduz f'deċiżjonjijet oħra bħal **Dayanan vs. Turkey**[3] deċiża nhar it-13 ta' Ottubru 2009; **Pishchalnikov v. Russia**[4] deċiża nhar l-24 ta' Settembru 2009; u **Plonka vs. Poland**[5] deċiża nhar il-31 ta' Marzu 2009.

18. Illi fid-deċiżjoni **Brusco v. France**[6] deċiża nhar l-14 ta' Ottubru 2010 l-ECtHR ikkonfermat li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jinkludi d-dritt li s-suspettat jiġi assistit ukoll waqt l-interrogazzjoni, minflok l-interpretazzjoni iktar stretta li s-suspettat kellu biss id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tiegħu qabel l-ewwel interrogazzjoni. Kwalunkwe dubju li jista' jibqa' f'dan ir-rigward ġie riżolt fid-deċiżjoni **Navone and Others v. Monaco**[7] deċiża nhar l-24 ta' Ottubru 2013 fejn ingħad illi l-liġi f'Monaco - li kienet tipprovdi biss għal konsultazzjoni qabel l-interrogazzjoni fil-bidu tad-detenzjoni jew l-arrest tas-suspettat, u ma ppermettietx lill-avukat li jkun preżenti waqt l-interrogazzjoni, preċiżament hekk kif kienet il-liġi f'Malta, kienet qed tikser

[1] [GC] - 36391/02
[2] 4268/04, [2008] ECHR 1688
[3] 7377/03, [2009] ECHR 2278
[4] Application no. 7025/04
[5] 20310/02, [2009] ECHR 2277
[6] Application no. 1466/07
[7] Applications no. 62880/11, 62892/11 and 62899/11

id-dritt tas-suspettat li jkollu assistenza ta' avukat skont it-tifsira tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

19. Illi fil-każ ta' **Reppublika ta' Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor**, Att tal-Akkuża 05/2015, deċiża fl-1 ta' Diċembru 2016, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ddeċidiet li ċ-ċaħda tad-dritt għal assistenza legali fl-istadju tal-pre-trial bħala riżultat ta' restrizzjoni sistemika applikabbli għall-persuni kollha akkużati għandu llum jitqies li jkun jivvjolaw il-kundizzjonijiet għall-ammissibilità ta' dikjarazzjoni ta' akkużat.

20. Illi fil-każ **Reppublika ta' Malta v. Noel Zarb**, Att tal-Akkuża 3/2011, deċiża nhar il-31 ta' Mejju 2018, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali qalet illi *"Illi llum ġiet kristalizzata l-posizzjoni fid-dritt penali nostran fejn persuna suspettata li ma tkunx ġiet mogħtija assistenza legali meta tirrilaxxja stqarrija, għaliex il-liġi dak iż-żmien kienet tipprekludi dan id-dritt b'mod sistematiku, kwalunkwe dikjarazzjoni li l-persuna suspettata setgħet għamlet hija lesiva tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq għaliex il-konfessjoni tiegħu titqies bħala prova. Illi din il-Qorti, kif kolleġjalment komposta, għalkemm diversament ippresjeduta, kellha diġa' okkażjoni tesprimi ruħha fuq dan il-punt ta' dritt fejn allura fid-dawl tal-linja gwida mogħtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet tal-fehma illi tali stqarrijiet rilaxxjati mill-persuna akkużata mingħajr ma din kellha l-okkażjoni li tikseb l-assistenza ta` avukat tal-fiduċja tagħha ma kellhiex valur probatorju billi jkun ferm perikoluż għal qorti li tistrieħ fuqha sabiex issib ħtija fil-persuna akkużata li tkun inkriminat ruħha mingħajr ma kellha difiża adegwata u allura bir-riskju ta' leżjoni tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq. Illum il-leġislatur irregola din il-materja darba ghal dejjem, ukoll sabiex jiġi in linja mal-liġi komunitarja fir-rigward, u dan meta bl-Att LI tal-2016 seħħet it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li terza persuna tkun infurmata dwar it-tiċħid ta' l-libertà u li persuna tikkomunika ma' terzi persuni u mal-awtoritajiet konsulari waqt*

*li tkun imċaħħda mil-libertà, ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fis-6 ta' Novembru 2013 (L 294/l).”*

21. Illi deċiżjoni rilevanti oħra ġiet mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Frar 2017 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Clayton Azzopardi** fejn il-Qorti qalet illi *“l-użu ta` l-istqarrija meħuda mingħajr l-assistenza legali fi proċess kriminali (nonostante li fiha Azzopardi fil-maġġor parti tagħha għażel li ma jweġibx) huwa leżiv għad-dritt ta` smigħ xieraq tal-imputat u dana bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.”*

22. Illi din il-linja ta' ħsieb ġiet segwita u konsolidata mill-Qorti Kostituzzjonali f'referenza Nr. 14/16 JZM mogħtija fis-27 ta' Ġunju 2017 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs. Aldo Pistella**, fejn l-Onorevoli Imħallef Zammit McKeon qal *“illi l-fatt li l-akkużat Aldo Pistella ma kienx assistit minn avukat ta` għażla tiegħu waqt it-teħid tal-istqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija”* jikkonstitwixxi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

**B. Il-parteċipazzjoni ta' l-akkużat fil-konsenji kkontrollati:**

23. Illi malli r-rikorrenti ġie arrestat mill-pulizija, huwa kien interrogat u kontinwament mistoqsi dwar numru ta' individwi u ntalab mill-pulizija sabiex jgħinhom biex jinqabdu dawn l-individwi li kienu qed jissemmew billi jipparteċipa f'konsenja kkontrollata kompletament imħejjija mill-Iskwadra ta' kontra d-droga.

24. Illi r-rikorrenti ġie mhedded li se jmur bejn għoxrin (20) sena ħabs u għomru u qaluli li hu raġel iswed f'pajjiż barrani u li ħadd ma kien se jemmen il-verżjoni tiegħu. LIr-rikorrenti qalulu li kien fl-aħjar interess tiegħu li jgħin lill-pulizija. Barra minn hekk, huwa ġie mwiegħed kumpens finanzjarju għas-servizzi tiegħu u sussegwentement tħallas seba' mitt (€700) ewro għall-kooperazzjoni u l-parteċipazzjoni tiegħu fil-konsenji kkontrollati.

25. Illi fl-ebda punt matul dawn id-diskussjonijiet, jew pjuttost, eżerċizzju intensiv ta' *coercive persuasion*, ma kien preżenti l-avukat tar-rikorrenti. Illi fid-dawl tal-fatt, li bl-ammissjoni tagħhom stess il-pulizija ma kellha l-ebda evidenza oħra kontra r-rikorrenti, huwa evidenti li l-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-konsenja kkontrollata ssiġillat id-destin tiegħu u kienet ekwivalenti għall-dikjarazzjoni ta' ħtija f'għajnejn il-ġurati minħabba li l-ġurati ma setgħux kienu mistennija li jkunu jafu li qabel ma r-rikorrenti pparteċipa f'tali operazzjoni ta' droga kolossali ma kienx kiseb l-iċken parir mingħand l-avukat tiegħu. Illi l-konsegwenzi ta' tali deċiżjoni monumentali ma ġewx spjegati lill-akkużat la mill-pulizija u lanqas mill-avukat tiegħu għax l-avukat tiegħu kien ristrett milli jipparteċipa u/jew josserva avvenimenti bħal dawn.

26. Illi kieku l-liġi kienet tipprovdi li avukat jista jkun preżenti waqt l-istqarrija u qabel ma jsir ftehim mal-pulizija dwar il-konsenja kkontrollata; kienu jittieħdu rimedji f'dak l-istadju minħabba li fin-nuqqas ta' kull tip ta' evidenza li torbot lir-rikorrenti mar-reati in kwistjoni, l-ebda avukat serju ma kien qatt se jagħti parir lill-klijent tiegħu biex jipparteċipa f'konsenja kkontrollata u f'pajjiż demokratiku, avukat li jagħti tali parir għandha tittiħidlu l-lawrija.

27. Illi d-drittijiet fundamentali a tenur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ġew preġudikati b'mod irrimedjabbli meta l-pulizija wettqu eżerċizzju intensiv ta' coercive persuasion, u żguraw il-parteċipazzjoni tar-rikorrent fil-konsenja kkontrollata mingħajr il-preżenza ta' avukat peress li dan kien aktar tard użat bħala evidenza kontrih biex jissostanzjaw it-teżi tagħhom li r-rikorrenti kien konxju mil-konfoffa u kien attur ewlieni f'tali konfoffa.

28. Illi fid-deċiżjoni **Pishchalnikov v. Russia**[8] deċiża nhar l-24 ta' Setembru 2009, l-ECtHR qalet illi *"The Court observes that during the first*

[8] Application no. 7025/04

*two days after his arrest, on 15 and 16 December 1998, the applicant, having had no access to counsel, made statements incriminating himself and a number of other individuals in a large range of criminal activities, including particularly grave and serious crimes. The Court has already concluded that, having been denied legal assistance,* ***the applicant was unable to make the correct assessment of the consequences his decision to confess would have on the outcome of the criminal case****. In the absence of assistance by counsel, who could have provided legal advice and* ***technical skills****, the applicant could not make* ***full and knowledgeable use of his rights*** *afforded by the criminal-procedural law."*

29. Illi l-apprezzament u evalwazzjoni li saret f'Pishchalnikov tista' tiġi bl-istess mod applikata b'analoġija għall-każ inkwistjoni. L-applikant ma setax jagħmel l-evalwazzjoni korretta tal-konsegwenzi li jkun fuq l-eżitu tal-każ kriminali quddiem il-Qrati, mid-deċiżjoni tiegħu li jipparteċipa f'konsenja kkontrollat. Fin-nuqqas ta' assistenza minn avukat, li seta' pprovda parir legali u ħiliet tekniċi, l-applikant ma setax jagħmel użu sħiħ u infurmat tad-drittijiet tiegħu mogħtija mil-liġi proċedurali kriminali.

30. Illi l-argumenti kollha mressqa aktar il-fuq mir-rikorrenti fir-rigward tad-dritt li jkun hemm avukat preżenti matul l-interrogazzjoni għandhom japplikaw bl-istess mod taħt dan it-taqsima. Fil-fatt, jingħad bir-rispett li filwaqt li waqt interrogazzjoni, s-suspettat jista' jibqa' sieket u għalhekk, il-preġudizzju jista jiġi ssuperat; fil-każ ta' konsenja kkontrollata, mal-mument li s-suspettat jiftiehem mal-pulizija li se jipparteċipa f'tali konsenja kkontrollata, minnufih jiġi kkawżat preġudizzju esponenzjali għad-difiża tiegħu li x'aktarx ikun insormontabbli matul il-proċess, bħal ma kien fil-każ odjern. Għalhekk, huwa inkonċepibbli li persuna ssuspettata ma tingħatax id-dritt li tikkonsulta ma' l-avukat tagħha dwar il-konsenja kkontrollata jew tal-inqas biex ikollu avukat preżenti, tal-inqas matul l-istadju tan-negozjati bejn il-pulizija u s-suspettat b'rabta mal-konsenja kkontrollata.

**D. L-Artikolu 30B tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' smigħ xieraq skont il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni:**

31. Illi t-teknika tal-konsenja kkontrollat tintuża meta tinqabad konsenja ta' sustanzi illeċiti u titħalla titmexxa 'l quddiem taħt il-kontroll u s-sorveljanza ta' l-uffiċjali ta' l-infurzar tal-liġi sabiex tinġabar evidenza kontra l-organizzaturi tat-traffikar illeċitu ta' droga. Filwaqt li t-teknika ta' konsenja kkontrollata hija kompatibbli mar-rekwiżiti tal-Ordinanza dwar id-Drogi Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta; biss, l-applikazzjoni valida u leġittima tagħha f'kull każ partikolari tiddependi fuq il-qafas legali u amministrattiv li huwa ġeneralment applikat għal konsenji kontrollati kollha jew tal-inqas li l-istadji kollha tat-konsenja kkontrollata huma kompatibbli ma' regolament jew proċedura *ad hoc* li jiżguraw li d-drittijiet tas-suspettati huma mħarsa. Għalhekk, huwa kruċjali li t-teknika ta' konsenja kkontrollata ma tinvolvi l-ebda element ta' *Agent Provocateur* jew *entrapment*. Illi kull stadju ta' konsenja kkontrollata għandu jiġi ttrattat b'attenzjoni kbira u l-parametri għandhom ikunu predefiniti b'mod ċar, spjegati bis-sħiħ lis-suspettat u l-avukat tiegħu u l-proċess miftiehem bil-miktub sabiex jiġi żgurat li l-metodu, proċess, skambju ta' informazzjoni u l-iskambju attwali ta' drogi illeċiti huwa bbażat fuq fehim reċiproku u mhux ibbażat fuq il-kapriċċi jew l-eċitament żejjed ta' uffiċjal/i tal-infurzar tal-liġi interessat/i biss li jagħmel/lu arrest ta' malajr bla kont lejn il-liġi, d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja.

32. Illi l-Artikolu 30B ta' l-Ordinanza dwar id-Drogi Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta ma jipprovdix mekkaniżmu li jiżgura li l-applikazzjoni tal-kunsinnja kkontrollata hija ġusta u ma tippreġudikax id-drittijiet fundamentali tal-persuna arrestata.

- Is-suspettat huwa prekluż milli jikkonsulta mal-avukat tiegħu dwar il-konsenja kkontrollata sabiex jieħu deċiżjoni infurmata;

- Il-pulizija ma tispjegax lill-persuni suspettati l-konsegwenzi u l-implikazzjonijiet tal-parteċipazzjoni f'konsenja kkontrollata;

- Il-pulizija turi lis-suspett li l-karrotta iżda mhux il-bastun; jiġifieri, il-pulizija tispjega li individwi li jikkooperaw jistgħu jibbenefikaw mill-Artikolu 29 tal-Ordinanza dwar id-Drogi Perikolużi iżda ma jispjegawx ukoll li d-destin tal-persuna ssuspettata awtomatikament jintrabat mal-konsenja kkontrollata u li l-akkużi ta' traffikar tad-droga u konfoffa eventwalment jigu maħruġa kontra s-suspettat;
- Il-pulizija ma jinfurmawx lill-avukat tal-persuna ssuspettata dwar id-dettalji speċifiċi tal-konsenja tal-kontroll;

- Il-pulizija ma żżomm l-ebda rekord dwar il-konsenja kkontrollata; jiġifieri, il-pulizija ma tippreżenta ebda talba għal koperazzjoni bil-miktub; ma titlobx lill-persuna ssuspettata li tiddikjara bil-miktub li hu fehem dak li hu mistenni minnu; u lanqas hemm xi tip ta' proċedura jew standard adottat li tista' tixħet dawl fuq il-mod u n-natura tan-negozjati bejn is-suspettat u l-pulizija;

- Il-pulizija ma tismax u ma tirreġistrax it-telefonati tal-konversazzjonijiet bejn is-suspettat li jkun qed jaħdem għall-pulizija waqt il-konsenja kkontrollata u t-terzi persuni li l-pulizija jkunu biħsiebhom jarrestaw. Dan jirriżulta f'konfużjoni kbira minħabba li l-pulizija ma tkunx f'qagħda li tgħid b'ċertezza x'kien ġie diskuss matul dawn il-konversazzjonijiet u jekk it-telefonati li saru bejn il-persuna ssuspettata u t-terza persuna sarux mis-suspettat jew mit-terza persuna. Dawn kollha jkollhom effett kbir u influwenza fuq ir-rwol ta' kull individwu involut fil-konsenja kkontrollata.

33. Illi bħala paragun, l-Artikolu 534AB tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li huwa d-dmir tal-Pulizija jew tal-Qorti, skond il-każ, li tinforma lis-suspettat jew lill-akkużat mingħajr dewmien bla bżonn b'sett ta' drittijiet proċedurali li huma prodotti fl-Iskeda E tal-Kodiċi Kriminali fil-forma ta' Ittra tad-Drittijiet li tingħata lil kull persuna meta tkun arrestata jew miżmuma. Bl-

istess mod, l-Artikolu 30B tal-Ordinanza dwar id-Drogi Perikolużi għandu jkun fih xi ħaġa simili, jew fin-nuqqas, proċedura dettaljata li tiffunzjona u li tiġi riveduta regolarment biex tiżgura l-kompatibilità tagħha mad-drittijiet bażiċi li huma dovuti lil kull suspettat li jiġi arrestat jew miżmum.

**E. Il-konsenji kkontrollati *entrapped* lill-akkużat:**

34. Illi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent a tenur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ġew preġudikati b'mod irrimedjabbli meta l-akkużat aċċetta li jipparteċipa fil-konsenja kkontrollat peress li l-konsenja kkontrollata ġiet instigata *ab initio* mill-pulizija u wkoll ġiet ppreparata kompletament mill-Iskwadra ta' kontra d-droga. Illi r-rikorrenti qatt ma kien involut fit-traffikar tad-drogi u għalhekk ma kellu ebda għarfien dwar min kellu jirċievi d-droga misjuba fil-lukanda Tropicana tant li biex id-droga waslet għand it-terza persuna (Angelo Bilocca), l-pulizija induċiet u instigat lir-rikorrenti sabiex jipparteċipa f'konsenja kkontrollata sabiex jinqabad ħabib tiegħhu ossia Charles Christopher (li kien jaħdem ma Angelo Bilocca) u li wara flimkien għamlu konsenja kkontrollata sabiex titwassal id-droga għand Angelo Bilocca. Illi kieku ma kienx għall-intervent tal-Pulizija li insitgaw lir-rikorrenti sabiex jipparteċipa fil-konsenja kkontrollata, huwa qatt ma kien se jkun parteċipi fi traffikar tad-droga.

35. Illi l-pulizija kisbet il-kooperazzjoni tar-rikorrent mingħajr ma kkonsulta ma' l-avukat tiegħu dwar l-implikazzjonijiet legali speċifiċi relatati mal-konsenja kkontrollata.

36. Illi f'dawn il-konsenji kkontrollati l-pulizija aġixxew ta' *Agent Provocateur* u għalhekk ir-rikorrenti ġie *entrapped* u użawh bħala lixka u wkoll bħala katina fir-rota tagħhom biex jinqabad individwu ieħor sabiex eventwalment fl-aħħar mill-aħħar ssir konsenja kkontrolata oħra sabiex jinqabad il-benefiċċjarju finali tas-sustanza illeċita.

37. Illi fil-ktieb "**Criminal Pleading, Evidence and Practice**", Archbold jispjega illi *Agent Provocateur* huwa dak li *"who entices another to commit an express breach of the law which he would not otherwise have committed and then proceeds to inform against him in respect of such an offence"*.[9] It is evident that the applicant would never had agreed to participate in the controlled delivery had it not been for the false assurance that this was in his best interest and had it not been for the financial compensation that he was paid.

38. Illi fid-deċiżjoni **Teixeira De Castro vs Portugal**[10] deċiża nhar id-9 ta' Ġunju 1998 l-ECtHR qalet illi *"use of undercover agents had to be restricted and safeguards put in place even in cases concerning fight against drug trafficking – public interest could not justify use of evidence obtained as a result of police incitement. In case before Court not contended that officers' intervention had taken place as part of anti-drug-trafficking operation ordered and supervised by a judge/competent authorities did not have good reason to suspect that applicant was a drug trafficker – necessary inference from the circumstances of case was that two police officers had not confined themselves to investigating applicant's criminal activity in an essentially passive manner, but had exercised an influence such as to incite commission of offence. Two police officers' actions had gone beyond those of undercover agents - their intervention and its use in the impugned criminal proceedings had meant that, right from outset, applicant had been definitively deprived of fair trial."*

**F. Il-konsenji kkontrollati f'dan il-każ huma llegali:**

39. L-Artikolu 30B (1) tal-Ordinanza dwar id-Drogi Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta jgħid:

[9] Sweet & Maxwell 2001, fol. 1532
[10] 25829/94, [1998] 28 EHRR 101

***30B. (1)*** *Minkejja kull ħaġa li tinsab f'kull liġi oħra, il-PulizijaEsekuttiva, u fejn ikun il-każ, l-Awtoritajiet tad- Dwana, jistgħu,bil-kunsens tal-Avukat Ġenerali jew ta' maġistrat, iħallu li ssirkonsenja kontrollata.*

***(2)*** *Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, konsenja kontrollata tfisserit-teknika li biha konsenja illeċita jew suspettata ta' mediċinaperikoluża (kif imfissra fl-artikolu 12) jew ta' flus, proprjetà jew rikavat kif hemm imsemmi fl-artikolu 22(1Ċ)(a) titħalla toħroġminn Malta, tgħaddi minn Malta jew tidħol Malta, jew titħallatgħaddi minn post jew mingħand persuna f'Malta għal post ieħorjew persuna oħra f'Malta, jew titħalla tidħol fit-territorju ta' pajjiżieħor bil-kunsens u taħt is-sorveljanza tal-Pulizija Esekuttiva u,fejn tkun il-każ, tal-Awtoritajiet tad-Dwana u tal-awtoritajietkompetenti ta' dak il-pajjiż ieħor, bil-għan li jiġu identifikati l-persuni involuti fl-egħmil tar-reati taħt din l-Ordinanza jew taħt il-liġi kornspondenti li tkun isseħħ fit-territorju ta' dak il-pajjiż ieħor.(3) Il-Pulizija Esekuttiva jew xi persuna taħt is-sorveljanza jewdirezzjoni tal-Pulizija Esekuttiva tista', bil-kunsens tal-AvukatĠenerali jew ta' maġistrat, bil-għan li tidentifika persuni involutifl-egħmil tar-reati taħt din l-Ordinanza, takkwista jew tipprokuramediċina perikoluża (kif imfissra fl-artikolu 12) jew konsenjasuspetta ta' flus, proprejtà jew rikavat kif hemm imsemmi fl-artikolu 22(1Ċ)(a) mingħand kull persuna u minn kull post.*

Min naħa l-oħra, l-Artikolu 435E tal-Kodiċi Kriminali jgħid:

***435E. (1)*** *Minkejja kull ħaġa li tinsab f'xi liġi oħra l-Avukat Ġenerali jista' jawtorizza lill-Pulizija Esekuttiva u, meta approprjat, lill-awtoritajiet Doganali biex jippermettu li jitwettaq konsenja kkontrollata bil-għan li jiġu identifikati persuni involuti fil- kull reat kriminali taħt il-liġijiet ta' Malta jew taħt il-liġijiet ta' pajjiż ieħor.*

*Għall-finijiet ta 'dan is-subartikolu "konsenja kkontrollata" għandha mutatis mutandis għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 30B (2) ta' l-Ordinanza dwar Drogi Perikolużi, b'dana illi l-konsenja illeċita jew suspettata msemmija f'dak is-subartikolu tista' għall-finijiet ta' dan is-*

*subartikolu jikkonsistu minn dak kollu li hekk u li l-konsenja tista' tiġi interċettata u titħalla tkompli bil-kontenut oriġinali intatt jew imneħħi jew mibdula kompletament jew parzjalment.*

40. Għalhekk isegwi illi l-konsenja tista' tiġi mibdula kompletament jew parzjalment biss taħt id- id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 435E tal-Kodiċi Kriminali iżda mhux taħt l-Artikolu 30B (1) tal-Ordinanza dwar id-Drogi Perikolużi.

41. Illi fil-każ odjern il-Pulizija Eżekuttiva għażlet li titlob awtorizzazzjoni biex twettaq konsenja kkontrollata minn Maġistrat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 30 (B) tal-Ordinanza dwar id-Drogi Perikolużi. Huwa evidenti li l-Artikolu 30 (B) tal-Ordinanza dwar id-Drogi Perikolużi u l-Artikolu 435E tal-Kodiċi Kriminali għalkemm simili mhumiex identiċi u partikolarment tal-ewwel ma jawtorizzax Maġistrat biex japprova s-sostituzzjoni tas-sustanza illeċitu b'sustanza oħra għall-iskopijiet ta' konsenja kkontrollata. Illi waqt il-Ġuri, l-pulizija spjegaw li għall-finijiet tal-konsenja kkontrollata s-sustanza illeċita ġiet sostitwita u ppakkjata mill-ġdid. Illi d-definizzjoni ta' "konsenja kkontrollata" skont l-Artikolu 30B (2) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi ma tinkludix il-possibbiltà li din tiġi sostitwita u ppakjata mill-ġdid. Għalhekk, peress li dan il-proċess ma kienx awtorizzat mill-Avukat Ġenerali kif provdut taħt l-artikolu 435E tal-Kodiċi Kriminali iżda minn Maġistrat skont l-artikolu 30 (B) tal-Ordinanza dwar Drogi Perikolużi, il-konsenja kkontrollata tmur kontra l-liġi u għalhekk hija illegali u konsegwentement inammissibbli.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li d-drittijiet tar-rikorrenti skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ġew leżi, u konsegwentement:

1. Tiddikjara li peress li l-proċess ġudizzjarju tar-rikorrenti kien kompromess sa mill-bidu, ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti fil-kawża fl-ismijiet Reppublika ta’ Malta vs Kingsley Wilcox deċiża mill-Qorti Kriminali fit-8 ta 'April 2017;

2. Tiddikjara li d-drittijiet fundamentali skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ġew preġudikati b'mod irrimedjabbli meta l-pulizija ħadu stqarrija mingħand ir-rikorrenti mingħajr il-preżenza ta' avukat;

3. Tiddikjara konsegwentament li ġie leż id-dritt għal smigħ xieraq tar-rikorrent fil-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni meta l-pulizija ħadu stqarrija mingħand ir-rikorrenti mingħajr il-preżenza ta' avukat u konsegwentement l-istqarrija hija inammissibbli;

4. Tiddikjara li d-drittijiet fundamentali skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ġew preġudikati b'mod irrimedjabbli meta l-pulizija kisbet u żgurat il-parteċipazzjoni tar-rikorrent fil-konsenja kkontrollata mingħajr ma l-applikant ikkonsulta mal-avukat tiegħu u peress li l-avukat tiegħu ma kienx preżenti matul in-negozjati mal-pulizija;

5. Tiddikjara konsegwentament li ġie leż id-dritt għal smigħ xieraq tar-rikorrent fil-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni peress li l-pulizija kisbet il-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-konsenja kkontrollata mingħajr ma l-applikant ikkonsulta mal-avukat tiegħu u mingħajr ma l-avukat tiegħu kien preżenti matul in-negozjati mal-pulizija u konsegwentement huma inammissibbli;

6. Tiddikjara li l-applikazzjoni fil-każ odjern tal-Artikolu 30B tal-Ordinanza dwar id-Drogi Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta m’huwiex kompatibbli mad-dritt għal smigħ xieraq skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

7. Tiddikjara konsegwentament li ġie leż id-dritt għal smigħ xieraq tar-rikorrent fil-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali skont Artikolu 39 tal-

Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni minħabba li l-applikazzjoni f'dan il-każ tal-Artikolu 30B tal-Ordinanza dwar id-Drogi Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta mhix kompatibbli mad-dritt għal smigħ xieraq;

8. Tiddikjara li l-konsenja kkontrollata kif imfassla, mwettqa u applikata f'dan il-każ hija ekwivalenti għal "entrappment" u konsegwentement tiddikjara li l-konsenja kkontrollata vvjolat id-dritt tal-applikant skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

9. Tiddikjara li l-konsenja kkontrollata kif imfassla, mwettqa u applikata f'dan il-każ tmur kontra l-liġi, u għalhekk illegali u konsegwentement inammissibbli għaliex huwa manifestament evidenti li ġiet applikata d-dispożizzjoni ħażina tal-liġi;

10. Tordna konsegwentament ir-*restituzio in integrum* u dan billi tannulla l-proċess kriminali konċernanti u s-sentenza moghtija fil-konfront tar-rikorrent fit-8 ta' April 2017;

11. Bla preġudizzju u fin-nuqqas li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba numru għaxra (10) tordna li l-provi kollha inammissibbli li jistgħu jiġu ddikjarati minn din l-Onorabbli Qorti jiġu sfilzati mill-atti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;

12. Tordna li l-proċeduri quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali jiġu sospiżi sakemm ikun hemm l-eżitu fil-kawża odjerna;

13. Tagħmel dak li jidhrilha xieraq sabiex jitwettqu l-imsemmija Artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja u hekk tagħti kull rimedju jew direttivi opportuni.

14. Fl-eventwalità li xi waħda mill-vjolazzjonijiet tiġi milqugħa biex tagħti kumpens lill-applikant għall-vjolazzjoni mġarrba.

Bl-ispejjeż kontra l-initmat.

Rat ir-**risposta tal-Avukat Ġenerali** ppreżentata fit-28 ta' Novembru, 2018 fejn jingħad kif ġej:

Illi t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda *in toto* fil-fatt u fid-dritt peress li ċ-ċirkostanzi tal-każ assolutament ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

*Preliminari*

1. Illi in linea preliminari tajjeb li jingħad li sabiex jinsab ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq skont l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, jeħtieġ li l-proċess kriminali jiġi eżaminat fl-intier tiegħu. Fil-każ fl-ismijiet Dvorski vs Croatia, il-*Grand Chamber* jisħaq li f'ambitu ta' smigħ xieraq, il-proċedimenti għandhom jiġu mixtarra fl-intier tagħhom – "*In determining whether, **taking the criminal proceedings as a whole**, the applicant received the benefit of "fair hearing for the purposes of Article 6§1,...*". Kif ġie mgħallem fil-każ: Pullicino vs Onor. Prim Ministru et (Qorti Kostituzzjonali deċiż nhar it-18 ta' Awwissu 1998 – Kollez. Vol: LXXXII.i.1589, a fol 225), wieħed ma jistax u m'għandux jikkonċentra biss fuq parti waħda biss minn proċess sħiħ ġudizzjarju biex jekk jirriżulta li kien hemm xi nuqqas, jasal għall-konklużjoni li bil-fors seħħ ksur tad-drittijiet fundamentali. Wieħed lanqas ma għandu jħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali, **imma jekk il-proċeduri fit-totalità tagħhom kinux immexxija b'ġustizzja** (enfasi miżjud) - ara Perit Joseph Mallia vs Onor. Prim Ministru, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-15 ta' Marzu 1996;

2. Illi preliminarjament ukoll, għal kull buon fini, l-esponenti umilment jitlob li jiġu allegati l-atti taħt l-Att tal-Akkuża 4/2015 fl-ismijiet: *The Republic of Malta vs Kingsley Wilcox*.

3. Illi preliminarjament ukoll, irid jiġi enfasizzat li l-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhix li ssir qorti ta' reviżjoni għal deċiżjonijiet meħuda minn qrati jew tribunali ordinarji jew li tiddeċiedi kwistjonijiet li jxaqilbu lejn il-frivolu u vessatorju, għaliex dan imur oltre d-dispożizzjonijiet stretti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea;

*Fil-Mertu*

4. Illi bħala prinċipju, skont l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, ma jeżisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali waqt stqarrija. Id-dritt fundamentali huwa li persuna akkużata b'reat kriminali jkollha proċeduri li jinżammu b'mod xieraq u ġust. Sabiex jirriżulta li hemm nuqqas ta' smigħ xieraq, l-imputat irid jipprova li minħabba n-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, inħoloq perikolu li l-imputat jista' jinstab ħati meta m'għandux ikun il-każ. Jekk iżda, l-għoti tal-istqarrija mingħajr avukat ma ġabet l-ebda preġudizzju gravi fuq l-akkużat fl-eżitu tal-proċeduri kriminali, allura l-imputat ma jkollux raġun jinvoka l-ksur tal-artikolu 6. Imwaħħad ma' dan, jibqa' jiġi enfasizzat li d-dritt għal smigħ xieraq jiġi eżaminat fil-kuntest tat-totalita' tal-proċeduri u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku; <u>u kull każ għandu jiġi studjat skont il-fattispeċji tiegħu</u>.

5. Illi fil-każijiet imsemmija mir-rikorrenti, il-Qorti Ewropea kienet waslet għall-konkluzjonijiet tagħha biss f'dawk il-każijiet u f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari u allura ma stabbilew l-ebda prinċipju universali. Isegwi għalhekk li dawk id-deċiżjonijiet jikkostitwixxu stat biss fil-konfront tal-partijiet f'dawk il-kawżi partikolari – *inter partes*;

6. Illi tajjeb li jingħad li r-rikorrent kien iltaqa' mal-avukat tiegħu Dr. Leslie Cuschieri <u>qabel l-istqarrija</u> u kellmu wiċċ'imb wiċċ u din il-laqgħa ma tistax tiġi kkunsidrata bħallikieku ma saritx;

7. Illi r-rikorrenti kellu wkoll kull opportunità li jitlob lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex l-istqarrija in kwistjoni tiġi sfilzata jekk hija daqshekk ta' ħsara għalih u jekk verament jara li din ittieħdet bi ksur tal-liġi. Anki fis-sottomissjonijiet finali tiegħu, l-imputat seta' wkoll jissolleċita lill-Qorti sabiex ma tiħux konjizzjoni tal-istqarrija minħabba l-mod kif ittieħdet – iżda dan ma sarx min-naħa tar-rikorrenti – allura *imputet sibi.* Huwa biss f'dan l-istadju tardiv, li qed jitqajmu dawn il-kwistjonijiet;

8. Illi r-rikorrent qed jinqeda b'dawn il-proċeduri speċjali u straordinarji <u>unikament</u> sabiex jipprova jtawwal iż-żmien u jittanta jistultifika l-proċeduri kriminali. Fil-fatt, quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali diġà kien hemm talba min-naħa tar-rikorrenti sabiex il-proċeduri kriminali jieqfu sakemm jinstema' l-każ Kostituzzjonali. Jirriżulta li l-Qorti ċaħdet dik it-talba iżda r-rikorrent għadu jippersisti u reġa' tenna l-istess talba biex forsi l-Qorti tal-Appell Kriminali jkollha ripensament fuq il-kwistjoni;

9. Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrent qed jagħmel diversi dikjarazzjonijiet li m'għandhomx mis-sewwa u li xieraq li jiġu korretti:

a) Ħarsa lejn il-proċess kriminali turi fid-deher kemm nhar it-3 ta' Ottubru 2012 fl-10.08pm (paġna 86), ir-rikorrenti ġie mgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet tiegħu u ġie anki mistoqsi jekk fehemx dak li kien qed jiġi spjegat lilu. Ir-risposta tar-rikorrent għal din il-mistoqsija kienet fl-affermattiv:

*Q. Do you understand and speak the English language?*
*A. Yes.*
*Q. Did you understand the caution I've just read to you that: You do not have to say anything unless you wish to do so, but what you say may be given in evidence?*
*A: Yes.*

b) Illi għandu jiġi ribadit, li kien ir-rikorrent innifsu, b'mod volontarju u mingħajr ma ġie sfurzat, li għażel li ma jkollux avukat waqt il-proċeduri li

kien hemm kontrih. In fatti, saħansitra waqt il-ġuri, ir-rikorrenti baqa' jinsisti li ma jkollux avukat. Il-Qorti Kriminali stess ħarġet digriet nhar is-16 ta' Marzu 2017 fejn qalet dan li ġej:

"*Having heard the request of the accused that he does not wish to be assisted by an advocate during the hearing of the trial by jury. Since it is in the best interests of justice that the accused is assisted by an advocate in order that he may be directed as to the legal aspects of the procedure adopted during the trial, the Court is appointing Dr. Simon Micallef Stafrace as legal aid lawyer in order to assist the accused during the hearing of the said trial*."

c) Illi anki waqt ix-xhieda tiegħu huwa kompla jafferma li ma jridx avukati: "*I chose no lawyer because I have lost faith in lawyers because lawyers have betrayed me*." Huwa sostna li ma kienx jafdahom lill-avukati u li l-avukat li kellu kien qed jikkoopera mal-Pulizija u ddiżappuntah. Fil-fatt, minkejja li l-Qorti appuntat lill-Avukat Micallef Stafrace, kien ir-rikorrent li mexxa l-każ, xorta waħda;

d) Illi r-rikorrenti kien jaf sewwa bid-drittijiet tiegħu iżda kien huwa li **<u>għażel minn rajh</u>** li: i) ma jkollux avukat; ii) li jitkellem minkejja li kien avżat li seta' ma jitkellimx; u iii) li jipparteċipa fil-kunsinna kkontrollata;

e) Fil-fatt, PC 10 Trevor Cassar Mallia waqt il-ġuri sostna li: "*On the way to his residence the accused was telling me that he wanted to help out ... he told me I dont want a lawyer I want to speak to the Inspector."* U in kontro-eżami (magħmul lill-Pulizija mir-rikorrent) qal: *"When you were in the yard you were mentioning the drug from Spain ... and you had to go and pick up the drugs and pass them to someone else. You wanted to talk ... you had the right not to say anything."*

f) Illi huwa nkonċepibbli allura kif wara dawn id-dikjarazzjonijiet kontinwi fejn qed jisħaq u jtenni li ma jridx avukat, jiġi f'dan l-istadju quddiem din l-Onorabbli Qorti fis-Sede Kostituzzjonali tagħha, jpinġi lilu nnifsu ta' vittma

u jistqarr ma' din l-Onorabbli Qorti li ma kellux smigħ xieraq għax ma kellux avukat miegħu matul il-kors tal-każ, meta kien hu stess li ma ridux!

g) Illi r-rikorrenti volontarjament ukoll, mingħajr ħadd ma ġegħlu, ipparteċipa fil-kunsinni kkontrollati. Dan jifforma parti mid-drittijiet tal-akkużat u jkun mistoqsi jekk iridx jipparteċipa. Huwa fil-fatt ġie mistoqsi jekk iridx jipparteċipa u aċċetta għal darbtejn. Fl-istqarrija ġuramentata tar-rikorrenti meħuda nhar l-4 ta' Ottubru 2012 quddiem il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Miriam Hayman, f'paġna 73, ir-rikorrent kien qed jixhed fir-rigward ta' dak li qalulu l-pulizija:

"*Witness: All right. Because at that time, that time I was at the police custody, so they asked me about this issue, about this package. So I told them this package is supposed to be given if – they asked me what I came here to pick up and I told them exactly what I wanted to come there to do. And they said ok. What would have happened if you would have picked up this package? And I said to them, I am supposed to hand it over to somebody named John.*
*Court: Ok*
*Witness: That is what I told them. They said ok, you will still hand it over to John.* ***I said yes. I am willing to do that.*** *They said: If you help the police on the investigation, you will at least benefit something from the problem.*
*Court: They mentioned you Article 29 yes?*
*Witness: Yes, something 29.*
*…Witness: So I said* ***ok, I am willing to give my full cooperation to the police, that I will do it****…*" (enfasi miżjud)

h) Mill-bran iċċitat jidher kemm ir-rikorrent ried li jipparteċipa u bl-ebda mod ma ġie sfurzat biex jagħmel dan;

i) Illi minn imkien ma jirriżulta li r-rikorrent ġie b'xi mod ippreġudikat minħabba l-fatt li ħa sehem b'mod volontarju f'żewġ kunsinni kkontrollati. Anzi, l-għan tagħhom skont l-artikolu 29 tal-Kap. 101 huwa li jibbenefika minnhom ir-rikorrenti stess;

j) Illi l-esponent jenfasizza bil-qawwa li l-kunċett ta' *entrapment* assolutament ma jiffigura mkien f'din il-kawża u l-allegazzjonijiet kollha posti mir-rikorrent f'dan ir-rigward huma nieqsa mis-sewwa, apparti l-fatt li huma wkoll frivoli u vessatorji, kif ser jiġi muri aħjar fil-kawża;

k) Illi r-rikorrenti fehem sew l-implikazzjonijiet fil-konfront tiegħu jekk jipparteċipa f'kunsinna kkontrollata. Tant fehem, li ppparteċipa f'żewġ kundinni kkontrollati u ħeġġeġ u kkonvinċa anki lil sieħbu (imsejjaħ John) sabiex jgħin lill-Pulizija għaliex fl-aħħar mill-aħħar kienu ser jibbenefikaw huma wkoll;

l) Il-kunsinni kkontrollati huma kollha legali u wrew fil-beraħ li dak li kien issuspettat mill-Pulizija fil-fatt kien veritjier u seħħ. Barra minn hekk, ir-rikorrenti qal lill-Pulizija xi ftiehem mal-persuni l-oħra u kulma qal f'dak l-istadju kien korrett u għen sabiex jinqabdu l-persuni l-oħra wkoll;

m) Illi l-esponent jiċħad bil-qawwa kollha li r-rikorrent tħallas xi flus (€700) għal dan l-involviment tiegħu fil-kunsinna kkontrollata;

10.Dak kollu li ntqal sa issa u l-provi li ser jiġu prodotti matul il-kors tal-kawża għandhom jidderieġu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li fil-konfront tar-rikorrent ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni msemmija;

11.Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

GĦALDAQSTANT, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrent ma sofra l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, u konsegwentement, it-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

Rat il-provi kollha li tressqu fil-kors tal-kawża inkluż kopja tal-proċedura Ir-Repubblika ta' Malta vs. Kingsley Wilcox;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ippreżentata fit-3 ta' Jannar 2020, kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut ippreżentata fil-21 ta' Frar 2020;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat

**Introduzzjoni**

Fit-2 t'Ottubru 2012 ir-rikorrent ġie arrestat u tressaq quddiem il-Qorti akkużat li fit-2 t'Ottubru 2012 u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel dik id-data (a) rrenda lilu nnifsu ħati li assoċja m'oħrajn sabiex jittraffika sustanza illegali bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni; u (b) li forna jew traffika sustanza illegali mingħajr il-liċenzja u l-awtorizzazzjoni rikjest bil-liġi. Fit-8 t'April 2017, il-Qorti Kriminali wara li rat il-verdett tal-ġurija kkundannat lir-rikorrent għal piena ta' ħmistax-il sena priġunerija u mmultatu tletin elf ewro kif ukoll iħallas €3,226.37 għall-ispejjeż tal-esperti tal-Qorti. Minn din is-sentenza r-rikorrent intavola appell, liema ġie deċiż fit-22 ta' Jannar 2020 fejn l-unika varjazzjoni kienet fl-ammont li għandu jħallas għall-ispejjeż tal-esperti tal-Qorti.

Fl-4 t'Ottubru 2018 ir-rikorrent intavola l-kawża kostituzzjonali odjerna li permezz tagħha qiegħed jillamenta li d-drittijiet tiegħu taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem ġew leżi meta, fost oħrajn:

a. Il-Pulizija ħadu stqarrija tar-rikorrent mingħajr il-preżenza tal-avukat;
b. Ir-rikorrent ipparteċipa fil-kunsinna kkontrollata mingħajr ma kkonsulta avukat u mingħajr ma l-avukat tiegħu kien preżenti matul in-negozjati mal-pulizija;

c. Ġie applikat l-Artikolu 30B tal-Kapitolu 101 (Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi), liema artikolu skont ir-rikorrent mhux kompatibbli mad-dritt tas-smiegħ xieraq;
d. Kien hemm *entrapment*; u
e. Ġiet applikata dispożizzjoni ħażina tal-liġi.

Min-naħa tiegħu l-Avukat Ġenerali jirribatti dawn l-ilmenti primarjament billi jinsisti li "r-rikorrenti kien jaf sewwa bid-drittijiet tiegħu iżda kien huwa li **għażel minn rajh** li: i) ma jkollux avukat; ii) li jitkellem minkejja li kien avżat li seta' ma jitkellimx; u iii) li jippartecipa fil-kunsinna kkontrollata". Rigwardanti l-allegat *entrapment*, il-konvenut jeċċepixxi li dan ma kienx każ ta' *entrapment* u ma jiffigura mkien.

**Il-fatti**

Fit-2 t'Ottubru 2012 għal ħabta tal-12:15, il-Pulizija marru fil-lukanda Tropicana Hotel ġewwa Paceville fejn għamlu tfittxija fil-kamra li kien qiegħed fiha ċertu Jose Manuel Domingo Benito u hemm sabu bagalja li kien fiha żewġ pakketti imdaqqsin bil-kokaina. Huwa qal lill-pulizija li kellu struzzjonijiet sabiex il-bagalja jgħaddiha lill-persuna ta' karnaġjon sewda u b'beritta sewda li kien qiegħed jistennih isfel "fuq ix-xellug"[11]. Għal din l-informazzjoni l-Pulizija marru jfittxu huma din il-persuna u hemm sabu lir-rikorrent Kingsley Wilcox, persuna ta' karnaġjon skura, bil-beritta sewda. Fuq il-persuna tiegħu sabu total ta' elfejn u sebgħa mitt euro (€2,700) fi flus kontanti.

**Il-provi**

Mill-**istqarrija ġuramentata** li Wilcox ta quddiem il-Maġistrat jirriżulta li huwa kien informa lill-Pulizija li huwa kien fl-inħawi tat-Tropicana Hotel għaliex ċertu Innocent, Niġerjan iżda joqgħod Spanja, kien qallu li fit-2 t'Ottubru kellu jasal pakkett u kellu jmur jiġbru barra mill-imsemmija Hotel u

[11] Paġna 128 tal-proċess kriminali.

kellu jgħaddilu elf u ħames mitt ewro (€1,500). Kien ingħata struzzjonijiet sabiex dan il-pakkett jgħaddih lil ħabib tiegħu John (li l-isem proprju huwa Charles Christopher). Huwa għalhekk mar jistenna barra l-Hotel Tropicana iżda peress li ħadd ma ltaqa miegħu huwa iddeċieda li jmur lura d-dar. Kien f'dak il-punt li arrestawh il-Pulizija. Huwa ngħata s-soliti kawżjoni u kien ingħata ċ-ċans li jitkellem mal-avukat tal-fiduċja tiegħu Dr. Leslie Cuschieri wara l-arrest u qabel ma saret il-kunsinna kontrollata lil John li ser issir referenza għaliha hawn taħt.

Minn din l-istess stqarrija jirriżulta li Wilcox kien lest li jkompli t-traġitt ta' din id-droga u jgħaddiha lil sieħbu John u li dan eventwalment kellu jgħaddiha lil sieħbu Angelo. Kien għalhekk li huwa assista lill-Pulizija sabiex jiggwadanja mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101. Kien għalhekk li fit-8 ta' filgħaxija tat-2 t'Ottubru huwa kien iltaqa ma' dan John l-Imsida sabiex jgħaddilu l-pakkett u hemmhekk il-Pulizija arrestaw lil John. Skont ir-rikorrent John kien ħabib sew ta' Angelo u kien għalhekk li dan ma rridx jassisti fil-kunsinna kontrollata iżda ir-rikorrent ikkonvinċih li l-pakkett ser jgħaddihilu huwa però xorta kellu jkun preżenti peress li skont l-istruzzjonijiet kien John li kellu jgħaddi l-pakkett lil Angelo. Fit-3 t'Ottubru 2012 għal ħabta tad-9 ta' filgħaxija għat-tieni darba huwa għamel kunsinna kontrollata flimkien ma' sieħbu John u hekk sar l-arrest ta' Angelo Bilocca u Priscilla Cassar.

Fix-xhieda mogħtija quddiem din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2019, ir-rikorrent **Kingsley Wilcox** jgħid li waqt l-arrest il-Pulizija kien infurmawh li jista' jibqa sieket però jkompli jgħid li waqt li kienu fil-karozza wieħed mill-Pulizija beda jagħmilu l-mistoqsijiet u huwa għażel li ma jirrispondix però jgħid li dan il-Pulizija qallu "forget about what I said to you" b'referenza għal dak li kien qallu li għandu dritt jibqa' sieket. Jgħid li kien għalhekk li huwa beda jirrispondi għall-mistoqsijiet. Ir-rikorrent jgħid li lill-Pulizija huwa kien qalilhom li huwa kien fl-inħawi tal-Hotel Tropicana għax mar jixtri xi ħwejjeġ minn Paceville u li kellu dak l-ammont ta' flus fuqu għax kien rebaħ Quikeno mill-Imsida. Jixhed li b'vuċi għolja l-Pulizija beda jsaqsih għal min kienet id-droga iżda huwa baqa jinsisti li ma sabulu l-ebda droga fuqu u li mhux hu kienet il-persuna li kienet qed issir referenza. Jgħid li l-Pulizija bdew jhedduh li

ser immur wieħed u għoxrin sena l-ħabs jekk ma jgħidilhomx għal min kienet id-droga. Waqt li kien il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija ikellem lill-Ispettur, Wilcox insista li jkellem lill-Avukat tiegħu, jgħid li l-Ispettur għal din it-talba mar iċempel lill-Avukat tal-fiduċja tar-rikorrent li kien Dr. Leslie Cuschieri; l-ispettur informah li kien fit-triq. Jixhed li l-avukat mar u għamel biss bejn tlett u ħames minuti jkellmu. L-għada tal-arrest tiegħu, jgħid li l-Pulizija komplew jagħmlulu l-mistoqsijiet fosthom dwar xi irġiel Maltin li huwa jaf. Wilcox xehed li huwa kien qalilhom li "I know my wife brother and I know Godfrey, the one owns the lotto Office and I know his son Luca and I know one Angelo that sells rabbit"[12]. Ikompli jgħid li l-Ispettur Mula kien infurmah li ser itih pakkett biex jgħaddih lil Angelo. Jgħid li huwa rrifjuta li jagħmel dan għaliex dan Angelo ma kienx ħabib tiegħu u li kien ilu jafu xahar biss u għax xi ħadd laqqgħu miegħu. Ikompli jixhed li l-Pulizija qalulu biex jikkomunika mal-ħabib tiegħu li ħadu għand Angelo iżda huwa qalilhom li dan jaf kien qiegħed ix-xogħol u għal din ir-risposta jgħid li l-Pulizija heddewh bil-ħabs. Jgħid ukoll li l-Pulizija qalulu li jekk ikun lest li jgħinhom huma jirrilaxxaw seba' mitt euro mill-elfejn u seba' mija li kienu kkonfiskawlu. Jgħid li għal din l-istedina huwa kkommunika ma' sieħbu John minn fuq il-mobile tiegħu li kienu tawh lura l-pulizija għal dik ir-raġuni. Jgħid li huwa ftiehem ma' sieħbu l-Imsida u kien għalhekk li l-Pulizija ħaduh jiltaqga' miegħu u kien dak il-ħin li arrestaw lil dan John. Jixhed ukoll li l-Pulizija ma kkonvinċewx lil John sabiex jieħdu għand Angelo u kien għalhekk li talbu lilu ċioe lil Wilcox sabiex jikkonvinċi lil John. Jidher li r-rikorrenti irnexxilu jikkonvinċi lil John jieħdu għand Angelo u jgħid li kien għalhekk li ġew rilaxxati seba' mitt ewro lill-martu. John ċempel lil Angelo sabiex jinfurmah li kien sejjer għandu u li miegħu kien ser ikun hemm Kingsley. Jgħid li marru l-appartament ta' Angelo, fetħilhom ix-xatba hu, "I was holding the parcel they gave me and Angelo saw it and he asked me, what is that wrapped thing, I said it is food for rabbit, that is what I said to Angelo, we were just talking, the Police came out and knocked the door because I knew the Police where outside so I opened for them to come in and they came in"[13].

[12] Paġna 29 tal-proċess.
[13] Paġna 36 tal-proċess.

Rigward il-mertu ta' din il-kawża r-rikorrent jgħid li huwa ma kienx assistit minn avukat waqt l-istqarrija u lanqas ma kienet ġiet spjegata lilu x'inhu controlled delivery, jgħid biss li kienu rreferrew għall-Artikolu 29 u li jekk jikkowopera mal-Pulizija huwa kien ser jibbenefika minn dak l-artikolu. B'referenza għall-istqarrija jgħid li wara li saret il-kunsinna kontrollata huwa mar lura l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u hemmhekk għamel l-istqarrija li kienu għal ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu. Għal mistoqsija jekk irrispondihiex għal mistoqsijiet huwa qal li le u dan għaliex huwa kien għajjien u irrifjuta li jkompli jagħmel l-istqarrija, jgħid li l-pulizija iżda komplew jiktbu li jridu huma. Jgħid li l-għada filgħodu u ċioe l-4 t'Ottubru l-Pulizija qrawlu l-istqarrija iżda huwa qalilhom li dik ma kinitx l-istatement li rilaxxa hu u li ried jagħmel stqarrija oħra. Jixhed li l-Pulizija qalulu li kien ser imur quddiem il-Maġistrat u ser jaħlef dak li hemm fl-istqarrija u fil-fatt jgħid li huwa "I went there to confirmed the statement they asked me to confirmed"[14]. Rigwardanti l-proċedura li kien hemm quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rikorrent jgħid li huwa kien assistit minn Dr. Leslie Cuschieri. Jgħid li l-Ispettur Mula kien offrielu sitt snin ħabs però Wilcox irrifjuta u dan għaliex mhux hekk kien il-kliem qabel saret il-kunsinna kontrollata. Dwar il-proċedura quddiem l-Imħallef Edwina Grima, ir-rikorrent jgħid li l-Qorti kienet appuntatlu lil Dr Simon Micallef Stafrace bħala l-assistent legali tiegħu iżda jgħid li wara li kien qiegħed jara l-file li ingħata lilu innota li l-avukat assenjat lilu kien l-istess avukat li kien qiegħed jiddefendi lil Jose Manuel Domingo Benito, jgħid li huwa informa lill-Qorti Kriminali b'dan u li talab li jinbidel, jgħid però li l-avukat ma kienx inbiddel u l-ebda avukat ieħor ma kien ġie assenjat lilu. Jgħid li Dr. Micallef Stafrace qatt ma deher waqt il-ġuri sabiex jassistih.

Xehed **Dr. Leslie Cuschieri** fejn ikkonferma li hu kien mar ikellem lir-rikorrent ġewwa d-depot "xi siegħat wara li ġie arrestat", però ma kienx ċert jekk hux qabel jew wara li saru l-kunsinni kontrollati, jgħid "jidhirli li meta kellimtu ma kienx għadu għamilhom il-controlled deliveries"[15]. Jikkonferma li hu ma kienx preżenti mar-rikorrent meta ta l-istqarrija tiegħu u dan għaliex

[14] Paġna 39 tal-proċess.
[15] Paġna 49 tal-proċess.

"kienet għadha ma daħlitx Malta d-dritt li jkun assistiet"[16]. Meta ġie mistoqsi jekk il-pulizija kienux kellmuh dwar il-ħsieb tagħhom li jagħmlu controlled delivery, Dr. Cuschieri irrisponda "le, le ma naħsibx le".[17]

Fis-27 ta' Frar 2019 ta x-xhieda tiegħu **Dr. Simon Micallef Stafrace** wkoll fejn spjega li r-rikorrent xtaq li jiddefendi lilu nnifsu iżda l-Qorti, peress li dak iż-żmien kien il-*Head* tal-għajnuna legali, il-Qorti Kriminali kienet nnominatu sabiex jassisti lill-akkużat fi kwistjonijiet legali meta jinqala l-bżonn. Meta ġie mistoqsi "jiġifieri inti ma kontx preżenti tassistih waqt il-ġuri?", ir-risposta kienet "le, le. Kien irrifjuta. Hu ried jiddefendi lilu nnifsu".[18] Dr. Micallef Stafrace spjega li Wilcox qatt ma ta l-impressjoni li ma riedx lilu bħala avukat, imma li ma riedx avukat; jgħid li huwa baqa' hemm "on call u qatt ma nqalgħet il-kwistjoni dak il-ħin isma' int kont avukat ta' xi ħaddieħor għax I would have walked away immediatley"[19].

L-ex **Spettur Herman Mula**, li kien l-investigatur prinċipali fil-każ ta' Wilcox, ikkonferma li meta ta l-istqarrija tiegħu ir-rikorrent ma kienx assistiet minn avukat u dak għax il-liġi ma kinitx tagħti dik il-fakultà dak iż-żmien. Il-legali tar-rikorrent saqsa lill-ispettur jispjega x'inhi *controlled delivery* u spjega li fil-każ odjern il-persuna li ġiet minn barra bid-droga ingħatat l-opportunità "illi biex titnaqsilha eventwalment il-piena [...] inħallu dak it-traġitt ta' dik id-droga tkompli lejn fejn tkun destinata [...] però ovvjament qabel ma jsir dan, l-ewwel ikollna l-kunsens tiegħu u mbagħad nikkomunikaw mal-Maġistrat tal-għassa"[20], u fil-fatt jgħid li dik hi l-proċedura li ntużat fil-każ odjern. Jgħid li tiġi spjegata kif issir il-kunsinna kontrollata u li hija "a special investigation tool" u dan għaliex din il-possibilita "ma teżistix f'offiżi kriminali oħrajn illi tagħtiha l-liġi tad-droga biss"[21]. Fil-każ odjern, ix-xhud qal li l-pulizija li arrestaw lil Wilcox kienu ċemplulu l-uffiċċju sabiex jinfurmawh li Wilcox kien qiegħed jgħidilhom l-istorja kollha u li aċċetta li jkompli bil-kunsinna kontrollata. Għalkemm il-proċedura u l-liġi ġiet spjegata mill-Pulizija li

[16] *ibid.*
[17] *ibid.*
[18] Paġna 52 tal-proċess.
[19] *ibid.*
[20] Paġna 55 tal-proċess.
[21] *ibid.*

arrestawh ix-xhud jgħid li l-Ispettur Pierre Grech kien reġgħa spjegalu l-liġi u kien ikkonferma miegħu wkoll li ser ikompli bit-traġitt tad-droga. Kien hawnhekk li l-Ispettur Grech kien mar jinforma lill-Ispettur Mula li Wilcox kien ser jikkalabora u li kienet ser timxi għal controlled delivery oħra. Jikkonferma li Wilcox kien ikkonsulta mal-avukat tiegħu proprju qabel ma kien iltaqgħa miegħu hu – "iltqajt miegħu wara li kkonsulta mal-Avukat Dr Leslie Cuschieri"[22] u minn hemmhekk għaddew sabiex jagħmlu ż-żewġ kunsinni kontrollati sakemm id-droga waslet għad-destinazzjoni finali tagħha. Meta x xhud ġie mistoqsi li kienu huma li talbu lil Wilcox biex jikkoopera magħhom, l-Ispettur qal li f'każ bħal dan dejjem isaqsu lill-arrestat jekk huwiex lest li jassisti u jispjegawlu l-liġi. Meta ġie mistoqsi mill-Qorti sabiex jippreċiża jekk kienx Wilcox li ssuġġerilhom hu li jikkoopera b'dak il-mod, ix-xhud qal li ma jistax jgħid bl-eżatt għax hu ma kienx preżenti meta ġie arrestat Wilcox. Ix-xhud spjega li meta persuna tipparteċipa *f'controlled delivery* jkun qiegħed jispjega l-involviment tiegħu u għalhekk tafferma li hija involuta fir-reat. Jispjega wkoll li "l-istqarrija ttieħdet l-aħħar haġa fl-investigazzjoni, kienu diġà saru l-control deliveries kollha, l-istqarrija we wrap up the case with it jiġifieri l-istqarrija fil-verità kienet biss formalita f'dan il-każ il-għaliex l-extent tal-kollaborazzjoni tiegħu kienet kbira ħafna. Mill-esperjenza tiegħi nista' ngħid li qatt ma kelli każ bħal dan kemm domt id-droga, li persuna tikkollabora daqshekk u tgħin lil pulizija f'każ bħal dan. Ehe waqt li kien qed jikkollabora ma kienx hemm l-avukat preżenti."[23] Però jgħid ukoll li r-rikorrent kien diġà konxju li ser jagħmel kunsinna kkontrollata qabel kellem lill-avukat tiegħu:

> "**Xhud**: Ghaliex is-sekwenza kif grat importanti ghaliex biex inkun car. Il-ligi tal-kollaborazzjoni tieghu biex jaghmel controlled delivery l-ewwel giet spjegata mill-arresting officers kif diga ghedt u mbaghad gie quddiem l-Ispettur Pierre Grech u spjegahilu rega' sew.
>
> **Qorti**: Id-Depot?
>
> **Xhud**: Id-Depot fl-ufficju tieghu. U mbaghad tkellem mieghi l-Ispettur Pierre Grech, mhux l-attur, l-Ispettur Pierre Grech tkellem mieghi u jien u l-Ispettur Pierre Grech ghedna issa nnizluh jikkonsulta mal-avukat jigifieri l-

[22] *ibid.*
[23] Paġna 58 tal-proċess.

konsulta tal-avukat saret wara li l-pulizija ghamlulu din illi inti Dottore qed issejhilha bhala l-offerta [...][24]

[...]

**Qorti**: U l-pozizzjoni tieghu wara l-inkontru mal-avukat?
**Xhud**: Kienet li jikkollobora u jaghmel il-control deliveries.[25]"

Ix-xhud ġie mistoqsi jekk ikunx hemm rekord li ingħata kopja tal-ittra tad-drittijiet, huwa rrisponda fin-negattiv. Jgħid ukoll li m'hemmx dokumenti iffirmati illi juru li Wilcox ta l-kunsens tiegħu biex issir il-kunsinna kontrollata. Jispjega wkoll li t-telefonati li jsiru waqt il-kunsinna kontrollata ma kinux jiġu irrikordjati dak iż-żmien, "però meta ssir it-telefonata naraw [...] li jkun hemm żewġ pulizija preżenti għal dawn it-telefonati ovvjament u jixhdu dak li jkun intqal mill-persuna li tkun qed tagħmilhom li tkun arrestata ovvjament dak li jkun qed jintqal fuq it-telefon ma jkunux qed jisimgħuh però ssir mill-persuna. Fil-fatt f'dan il-każ Sur Wilcox kien involut f'dawn it-telefonati."[26] Ix-xhud jixhed li l-ewwel telefonata li għamel kienet lil Charles Magimor li waslet għall-ewwel kunsinna kontrollata, imbagħad l-għada kien hemm telefonati ma' Angelo Bilocca. Peress li kienet għaddiet ġurnata minn meta kellha ssir il-kunsinna lil Angelo, dan tal-aħħar kien kawt ħafna waqt it-telefonati iżda imbagħad irrilassa meta semgħa leħen Charles u kien qalilhom biex imorru r-razzett dak il-ħin u hemmhekk sar l-aħħar arrest.

Fis-26 ta' Settembru 2019 Mula ġie imsejjaħ bħala xhud tal-konvenuti fejn ikkonferma li r-rikorrent ma ċaħadx l-involviment tiegħu, pjuttost jista' jingħad li kien protagonist tant li kien hu li spjegalhom l-involviment tiegħu. Ikompli jispjega li r-rikorrenti kien wieħed li kkollabora miegħu "mhux talli ma kienx imbeżża' minnha, talli hu litteralment waqt l-investigazzjoni hu stess, qalli din. Kien qed iħossu qisu wieħed minnha"[27]. Meta ġie mistoqsi għalfejn ma bbenefikax mill-Artikolu 29 tal-kapitolu 101 wara li kien ta' għajnuna lill-

[24] *ibid.*
[25] Paġna 59 tal-proċess.
[26] Paġna 62 tal-proċess.
[27] Paġna 82 tal-proċess.

Pulizija, ix-xhud spjega li waqt il-ġuri hu ħa difiża fejn ċaħad dak kollu li kien ġara fl-investigazzjoni. In kontro-eżami ġie mistoqsi "ngħid sewwa li kien hemm ċertu urġenza biex il-proċess jitħaffef kemm jista' jkun? Għax inkella jintilef l-opportunità li timxu minn persuna għall-oħra" ix-xhud irrisponda li "urġenza skont minn liema perspettiva tħares lejha għaliex jiena ħa nkun onest, li kieku l-komunikazzjoni baqgħet ma saritx ma kinitx timmaterjalizza u konna nressquh bl-akkużi tiegħu u ma konniex nqabbdu lil oħrajn. Jiġifieri l-kwistjoni hi illi aħna bl-ebda mod għalkemm hemm il-perjodu tal-arrest, bl-ebda mod ma ħa nbiddlu the course of the events biex din il-ħaġa tirnexxi"[28] ix-xhud jerġa jikkonferma li kien Wilcox li ċempel lil Bilocca mill-mobile tiegħu. Ix-xhud spjega wkoll li huwa jgħid lill-akkużat bil-piena statutorja li hija bejn erbaż snin u għomor il-ħabs iżda fl-ebda ħin ma jikkommetti ruħu fuq piena għaliex hija għad-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali jekk l-akkużat imurx quddiem il-ġurija o meno.

Fis-6 ta' Ġunju 2019 xehed l-**Assistent Kummissarju Dennis Theuma**. Jgħid li dak iż-żmien tal-arrest ta' Wilcox huwa kien Spettur li kien preżenti waqt li ittieħdet l-istqarrija. Ġie mistoqsi x'inhi controlled delivery u Theuma spjega hekk: "Control delivery hija bażikament meta ai termini tal-Artikolu 30B tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, persuna taħt il-kontroll u taħt id-direzzjoni tal-Korp tal-Pulizija, ta' min ikun qed jagħmel l-investigazzjoni jaċċetta li jassisti lill-Pulizija biex persuna jew persuni li jkunu involuti f'dan iċ-ċirku tat-traffikar tad-droga jiġu identifikati, arrestati, investigati u possibbilment imressqa l-Qorti."[29] Jikkonferma li meta tiġi arrestata persuna, il-pulizija jinfurmawha b'dak li tgħid il-liġi speċifikament l-Artikolu 29, li biha l-leġislatur ried jagħti inċentiva lill-persuna arrestata u fl-istess ħin tgħin lill-pulizija Theuma jispjega li l-kunsinna kontrollata "hija xi ħaġa kunfidenzjali bejni, bejn il-Pulizija u bejn il-Maġistrat li jkun ser jawtorizza".[30] Jispjega li ma jkunx hemm bil-miktub kif ħa jsiru l-affarijiet għaliex il-persuna li ser tagħmel il-kunsinna kontrollata hija r-responsabbiltà tal-ispettur. Theuma qal li Wilcox assista lill-pulizija minn jeddu u volontarjament. Jikkonferma lit-telefonati ma

[28] Paġna 83B tal-proċess.
[29] Paġna 70 tal-proċess.
[30] *ibid.*

kienux irrekordjati iżda jgħid li dawn ikunu awtorizzati mill-Maġistrat meta jawtorizza l-kunsinna kontrollata.

Xehed l-ex **Spettur Pierre Grech** u spjega li huwa sar jaf lil Wilcox billi f'xi ġurnata fl-2012 (ma jiftakarx eżatt id-data) huwa kien ħareġ fil-bitħa li hemm fid-dipartiment tad-drug squad u hemm semgħa lil Wilcox jitkellem ma' ex-PC10 dwar il-każ u beda jagħtih xi informazzjoni. Jgħid li huwa aċċerta ruħu li PC 10 u l-kollega tiegħu kienu qalulu bid-drittijiet tiegħu li kienu viġenti dak iż-żmien. Jgħid li huwa kien irripetilu d-drittijiet tiegħu kif ukoll fehmu kif jista' jibbenefika jekk jgħin lill-pulizija "kif jien deherli li dak il-ħin beda jagħmel"[31]. In kontro-eżami jgħid li l-benefiċċji li qiegħed jirreferi għalih huwa proprju l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 u dan billi titnaqqaslu l-piena bi grad jew tnejn mill-Qorti. Dan it-tnaqqis iżda m'huwiex wieħed awtomatiku. Jikkonferma wkoll li ma jkunx hemm dikjarazzjoni taħt l-Artikolu 29 iżda kien isir kollox bil-kelma. Grech jikkonferma wkoll li t-telefonati ma jiġux irrekordjati, li jittieħdu huma notamenti ta' x'ħin saru t-telefonati.

Ikkunsidrat

L-ilment tal-leżjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni hija imsejsa fuq diversi binarji, li ser jiġu kkunsidrati b'mod separat.

**a. Il-Pulizija ħadu stqarrija tar-rikorrent mingħajr il-preżenza tal-avukat**

Din il-Qorti sejra tikkunsidra t-talbiet tar-rikorrent u l-eċċezzjonijiet tal-Avukat Ġenerali wara li tagħti konsiderazzjoni ampja l-ġurisprudenza l-aktar riċenti mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Ewropeja għad-Drittijet tal-Bniedem (QEDB).

Din il-Qorti tibda billi tqis l-aktar ġurisprudenza riċenti u rilevanti għall-mertu tal-każ odjern mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB).

---

31 Paġna 75 tal-proċess.

Fil-każ **Farrugia v. Malta** (Appl. Nru 63041/13) deċiż fl-4 ta' Ġunju 2019 l-argument ta' Farrugia f'dawk il-proċeduri kien proprju li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ġie leż stante li ma ingħatax l-opportunità li jikkonsulta mal-legali tiegħu qabel ġie interrogat kif ukoll waqt it-teħid tal-istqarrija. In vista li l-argumentazzjoni tar-rikorrent huma simili u f'xi waqtiet identiċi għal dawk ta' Farrugia, opportun li l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-QEDB jiġu kwotati b'mod estensiv u eżawrijenti:

*2. The Court's assessment*

**(a) General principles**

96. The right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer is one of the fundamental features of a fair trial (see *Salduz,* cited above, § 51, and *Ibrahim and Others v. the United Kingdom* [GC], nos. 50541/08 and 3 others, § 255, 13 September 2016). The right becomes applicable as soon as there is a "criminal charge" within the meaning given to that concept by the Court's case-law and, in particular, from the time of the suspect's arrest, whether or not that person is interviewed or participates in any other investigative measure during the relevant period (see *Beuze v. Belgium*, [GC], no. 71409/10, § 124, 9 November 2018 and *Simeonovi v. Bulgaria* [GC], no. 21980/04, §§111, 114 and 121, 12 May 2017).

97. In *Beuze*, drawing from its previous case-law the Court explained the aims pursued by the right of access to a lawyer (§§ 125-130) and elaborated on the content of the right of access to a lawyer reiterating, in particular, that suspects must be able to enter into contact with a lawyer from the time when they are taken into custody. It must therefore be possible for a suspect to consult with his or her lawyer prior to an interview or even where there is no interview and that suspects have the right for their lawyer to be physically present during their initial police interviews and whenever they are questioned in the subsequent pre-trial proceedings (§§ 133-134).

98. Prior to the recent *Beuze* judgment, in a number of cases, the Court found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer

had led, *ab initio*, to a violation of the Convention (see, in particular, *Dayanan v. Turkey*, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009 and *Boz v. Turkey*, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010). That same approach was followed by the Court in relation to the Maltese context in *Borg* (no. 37537/13, 12 January 2016).

99. Subsequently, being confronted with a certain divergence in the approach to be followed in cases dealing with the right of access to a lawyer, the Court had occasion to further examine the matter in *Ibrahim and Others*, *Simeonovi* and more recently in *Beuze*, all cited above, where the Court departed from the principle set out in the preceding paragraph. In *Beuze*, the most recent authority on the matter, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness

[...]

*(iii) Relevant factors for the overall fairness assessment*

104. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account:

(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;

(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;

(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;

(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;

(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;

(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;

(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;

(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;

(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and

(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150).

**(b) Application to the present case**

*(i) Extent of the restriction and compelling reasons*

105. The Court observes that the impugned restriction on the right of access to a lawyer in the present case was particularly extensive, as it derived from a lack of provision in the law and was applied throughout the entire pre-trial phase during which the applicant gave several statements.

106. The Court reiterates that restrictions on access to a lawyer for compelling reasons, at the pre-trial stage, are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case (see *Beuze*, cited above, § 161). There was clearly no such individual assessment in the present case, as the restriction was one of a general and mandatory nature. Furthermore, the Government have failed to demonstrate the existence of any exceptional circumstances which could have justified the restrictions on the applicant's right, and it is not for the Court to ascertain such circumstances of its own motion (ibid., § 163).

107. Thus, the Court finds that the restrictions in question were not justified by any compelling reason.

*(ii) Overall fairness*

108. The Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment, especially where there are statutory restrictions of a general and mandatory nature. The burden of proof thus falls on the Government, which, must demonstrate convincingly that the applicant nevertheless had a fair trial as a whole. The Government's inability to establish compelling reasons weighs heavily in the balance, and the balance may thus be tipped towards finding a violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) (ibid., § 165).

109. In the course of this exercise, the Court will examine, to the extent that they are relevant in the present case, the various factors deriving from its case-law.

110. Irrespective of whether or not the applicant had previously been questioned in connection with other crimes - a matter disputed by the parties - the Court considers that he was not in a greater state of vulnerability than that in which persons interviewed by investigators would generally find themselves in. The interviews conducted were not unusual or excessively long.

111. The applicant did not allege, either before the domestic courts or before it, that the Police had exerted any pressure on him, nor that the evidence obtained had been in violation of another Convention provision.

112. The Court reiterates that where access to a lawyer is delayed, the need for the investigative authorities to notify the suspect of his right to a lawyer, his right to remain silent and the privilege against self-incrimination takes on particular importance (see *Ibrahim and Others*, cited above, § 273, and case-law cited therein). It is noteworthy that, in the present case, the applicant was informed repeatedly in a sufficiently explicit manner of his right to remain silent and the privilege against self-incrimination (see, *a contrario*, *Beuze*, cited above, § 184), and, at the time, no inferences could be drawn by the trial courts from the silence of the accused (see paragraph 33 above) (see, *a contrario*, *Ibrahim and Others*, cited above, § 15). It follows that the applicant could have chosen to remain

silent and avoid any statement which could later substantially affect his position. Nevertheless, the Court notes that this did not mean that the applicant had waived the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law (see *Borg*, cited above, § 61, and *Salduz,* cited above, § 59; see also *Pishchalnikov v. Russia*, no. 7025/04, § 79, 24 September 2009).

113. The Court further notes that evidentiary elements, other than the applicant's statements, were used to arrive at the conclusion of the applicant's guilt, in particular the testimony of A.F., corroborated by the findings of the police, as well as other circumstances capable of amounting to circumstantial evidence such as the non-functioning of the CCTV. Indeed as noted by the Court of Criminal Appeal, A.F.'s statement would have been sufficient to find for the applicant's guilt (see paragraph 26 above). The Court observes further that given the nature of the crime in the present case, that is, the simulation of an offence, the absence of any evidence corroborating the applicant's initial report to the police is also of substantial evidentiary value. Thus, the Court of Criminal Appeal based its decision on a plurality of factors.

114. In connection with the nature of the crime, while it appears that there was no actual victim of the hold up in the present case, the Court nevertheless considers that there was at least some public interest in prosecuting the applicant for the crime at issue.

115. Against that background the Court will now assess the use made of the statement, its nature, and whether the applicable legal framework afforded sufficient safeguards.

116. The applicant's statements given pre-trial were admitted as evidence at his trial. Given the framework applicable at the time of the applicant's trial, while the applicant was free to raise the issue before the courts of criminal jurisdiction, there would have been little point in so doing given the inexistence of such a right in Maltese law at the time (compare *Dimech v. Malta*, no. 34373/13, § 42, 2 April 2015 in relation to a request to the police to be assisted by a lawyer). In fact the Court observes that the Court of Criminal Appeal did not address, as it could have done of

its own motion, the procedural defect at issue, but on the contrary it proceeded to refer to the statements tainted by that procedural defect.

117. The Government referred to the applicant's possibility of having his statement recorded, which was the case. While it is true that this enabled his lawyer at a later stage to prepare for his defence in the light of that statement, it could not help the applicant prepare for his questioning by the police. Nor did it have any other utility in the present case given that the Court of Criminal Appeal - the only court which pronounced the applicant's guilt - did not hear the recording. Thus, in the present case, this safeguard had no compensatory effect in practical terms. In the circumstances of the present case the Court finds that the applicant's conduct during the police interviews was capable of having such consequences for the prospects of his defence that there was no guarantee that either the assistance provided subsequently by a lawyer or the adversarial nature of the ensuing proceedings could cure the defects which had occurred during the period of police custody (see, *mutatis mutandis*, *Beuze*, cited above, § 171). Further, while it was true that he had the possibility of undertaking constitutional redress proceedings, which are not subject to a time-limit, these were only subsequent to his being found guilty and thus could have no impact on his criminal proceedings.

118. However, the nature of the statements and their use is of particular relevance in the present case. The Court notes that they did not contain any confessions nor was their content self-incriminating. However, the privilege against self-incrimination is not confined to actual confessions or to remarks which are directly incriminating; for statements to be regarded as self-incriminating it is sufficient for them to have substantially affected the accused's position (see, for example, *Schmid-Laffer v. Switzerland*, no. 41269/08, § 37, 16 June 2015). Indeed, the statements given by the applicant, at pre-trial stage in the absence of a lawyer, were relied on by the Court of Criminal Appeal in connection with the applicant's credibility. In particular, in its judgment the Court of Criminal Appeal had noted certain inconsistencies in his statements of 1 and 2 February 2002 (see paragraph 22above) and it had considered that he was not reliable as the applicant had replied in an evasive and hesitant way to police questions

concerning his business, profitability, rent, and profits of the previous year (see paragraph 26 above). Nevertheless, the Court cannot but note that the Court of Criminal Appeal had found that A.F.'s statements had been enough to determine the applicant's guilt. In consequence its assessment of the applicant's credibility on the basis of his pre-trial statements can be considered as having been made *exabundanti cautela* (out of an abundance of caution). In the light of the Court of Criminal Appeal's finding concerning the sufficiency of A.F.'s statements, the Court considers that the use it made of the applicant's statements to assess his credibility cannot be considered as having substantially affected his position.

*(iii) Conclusion*

119. In conclusion, while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.

120. There has therefore been no violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention."

Illi l-kawża **Beuze v. Belgium** (Appl. Nru 71409/10) deċiża fid-9 ta' Novembru 2018 msemmija fil-kawża surreferita ġiet ukoll ikkunsidrata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza l-aktar riċenti mogħtija fil-31 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet **Paul Anthony Caruana vs. Avukat Ġenerali et** (Rik. Kost. Nru 64/2014), fejn sabet li ma kienx hemm ksur ta' smigħ xieraq (għalkemm għal raġunijiet differenti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali)). F'dik il-kawża wkoll, bħal fil-kawża odjerna, ir-rikorrent għamel referenza għal dak li intqal mill-QEDB fis-sentenza Borg v. Malta, kien għalhekk li l-Qorti Kostituzzjonali għamlet analiżi tas-sentenzi li ppreċedew il-kawża li kienet qiegħda tikkunisdra u qalet hekk:

"8. L-ewwel aggravju tal-attur huwa msejjes fuq l-argument illi:

»… … … ġie stabbilit illi l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma’ avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta’ stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta’ dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea«.

9. Dan, igħid l-attur, ġie stabbilit f’dik li sejħilha “s-sentenza kjavi mogħtija mill-Qorti Ewropea fit-12 ta' Jannar 2016 kontra Malta fil-kawza Mario Borg *v.* Malta”.

10. Qabel ma tikkummenta fuq il-każ ta’ Borg il-qorti tosserva illi s-Sezzjonijiet Magħquda (*Grand Chamber*) tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet ġà qieset il-kwistjoni tad-dritt għall-għajnuna ta’ avukat fil-każ ta’ Salduz *v.* It-Turkija [Q.E.D.B. 27 ta’ Novembru 2008 (rik. 36391/02)] u fil-parti relevanti qalet hekk”

> » ... in order for the right to a fair trial to remain sufficiently ‘practical and effective’ …, Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 … The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction.« [§ 55]

11. Għalkemm din is-silta tista’ tagħti x’tifhem illi huwa biss meta hemm “raġunijiet impellenti” (“*compelling reasons*”) biex ma titħalliex tingħata l-għajnuna ta’ avukat illi dan in-nuqqas ma jwassalx għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, din hija biss regola ġenerali (“*as a rule*”). Fil-fatt, ukoll fil-

każ ta' Salduz il-qorti, għalkemm sabet li ma kienx hemm raġunijiet impellenti biex il-persuna interrogata ma titħalliex tkellem avukat, madankollu xorta qieset jekk, meqjus kollox, il-proċess kienx wieħed ġust, għalkemm fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ sabet li ma kienx. Imbagħad, fil-każ ta' ta' Ibrahim u oħrajn *v.* ir-Renju Unit [Q.E.D.B. 13 ta' Settembru 2016, rikk. 50541/08, 50571/08, 50573/08 u 40351/09] il-Qorti Ewropeja fis-Sezzjonijiet Magħquda kompliet tfisser illi:

> »250. The right to a fair trial under Article 6 § 1 is an unqualified right. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see *O'Halloran and Francis v. the United Kingdom* [GC], nos. 15809/02 and 25624/02, § 53, ECHR 2007-III). The Court's primary concern under Article 6 § 1 is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, *Taxquet v. Belgium* [GC], no. 926/05, § 84, ECHR 2010; and *Schatschaschwili v. Germany* [GC], no. 9154/10, § 101, ECHR 2015).
>
> »251. Compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings … … …
>
> »… … …
>
> »262. The Court accordingly reiterates that in assessing whether there has been a breach of the right to a fair trial it is necessary to view the proceedings as a whole, and the Article 6 § 3 rights as specific aspects of the overall right to a fair trial rather than ends in themselves. The absence of compelling reasons does not, therefore, lead in itself to a finding of a violation of Article 6 of the Convention.«

12. Effettivament, dan ifisser illi l-fatt waħdu li ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso*

*facto*, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq: trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu ("*having regard to the development of the proceedings as a whole*").

13. Il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta meta ġiet biex tinterpreta s-sentenza ta' Salduz kienet sa ċertu punt antiċipat din il-preċiżazzjoni f'sentenza mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2012 *in re* Charles Steven Muscat *v.* Avukat Ġenerali [Rik. kost. 75/2010], meta osservat illi:

»14. … … … Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. … … …

»15. Għalhekk, li trid tagħmel din il-qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex ħati jew le tal-akkużi li nġiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx għall ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u hekk inħoloqx il-perikolu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur.«

14. Fi kliem ieħor, trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu ("*having regard to the development of the proceedings as a whole*") u mhux biss il-fatt waħdu illi l-persuna interrogata ma tħallietx tkellem avukat.

15. Din kienet il-posizzjoni li baqgħet tiġi segwita minn din il-qorti sakemm ingħatat is-sentenza ta' Borg imsemmija mill-attur, li kienet sentenza tar-Raba' Sezzjoni tal-Qorti Ewropea. Dik is-sentenza tgħid illi l-fatt waħdu li l-liġi ma kinitx tippermetti li tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt jew qabel l-interrogazzjoni kien biżżejjed biex jinsab ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni:

»61. … … … indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the

Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).

»62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see *Salduz*, cited above, §§ 52, 55 and 56).

»63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention «

16. Fid-dawl ta' din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali, għalkemm baqgħet temmen illi l-interpretazzjoni ta' Salduz li kienet adottat fil-każ ta' Muscat kienet dik korretta u ta' buon sens, għarfet illi wara s-sentenza ta' Borg dik il-posizzjoni ma baqgħetx tenibbli u għalhekk bidlet il-posizzjoni tagħha. Hekk, fil-każ ta' Malcolm Said v. L-Avukat Ġenerali [Kost. 24 ta' Ġunju 2016, rik. 74/2014] il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

»17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.

»18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.«

17. Ir-raġuni iżda fl-aħħar mill-aħħar tegħleb. Fid-dawl tal-inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea fl-interpretazzjoni tal-jedd għall-għajnuna ta' avukat fil-kuntest tal-jedd għal smigħ xieraq, il-Qorti Ewropea kienet imsejħa, fil-każ ta' Beuze *v.* il-Belġju [Rik. 71409/10], biex tippreċiża aħjar x'inhi l-posizzjoni korretta. Tajjeb jingħad illi fil-każ ta' Beuze, bħal fil-każ tallum, il-liġi domestika fiż-żmien relevanti ma kinitx tippermetti li tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni [Fil-fatt, kif jidher minn qari ta' §§ 154 *et seqq.* tas-sentenza, ir-restrizzjonijiet fuq il-jedd tal-persuna suspettata li tkellem avukat kienu ferm aktar restrittivi milli kienu fil-każ tal-lum] u ma kien hemm ebda raġuni impellenti għala ma tħallietx tingħata l-għajnuna ta' avukat [Ara §§ 161 u 163-4]. Fis-sentenza mogħtija mis-Sezzjonijiet Magħquda fid-9 ta' Novembru 2018 il-qorti qalet hekk:

»120. The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see *Ibrahim and Others*, … § 250). The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings … … …

»121. As the Court has found on numerous occasions, compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings. … … …

»… … …

»139. The stages of the analysis as set out in the *Salduz* judgment – first looking at whether or not there were compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, then examining the overall fairness of the proceedings – have been followed by Chambers of the Court in cases concerning either statutory restrictions of a general and

mandatory nature, or restrictions stemming from case-specific decisions taken by the competent authorities.

»140. In a number of cases, which all concerned Turkey, the Court did not, however, address the question of compelling reasons, and neither did it examine the fairness of the proceedings, but found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, *ab initio*, to a violation of the Convention … … … Nevertheless, in the majority of cases, the Court has opted for a less absolute approach and has conducted an examination of the overall fairness of the proceedings, sometimes in summary form … and sometimes in greater detail …

»141. Being confronted with a certain divergence in the approach to be followed, in *Ibrahim and Others* the Court consolidated the principle established by the *Salduz* judgment, thus confirming that the applicable test consisted of two stages and providing some clarification as to each of those stages and the relationship between them (see *Ibrahim and Others*, … §§ 257 and 258-62).

… … …

»144. In *Ibrahim and Others* the Court also confirmed that the absence of compelling reasons did not lead in itself to a finding of a violation of Article 6. Whether or not there are compelling reasons, it is necessary in each case to view the proceedings as a whole (see *Ibrahim and Others*, … § 262). That latter point is of particular importance in the present case, since the applicant relied on a certain interpretation of the Court's case-law on the right of access to a lawyer … to the effect that the statutory and systematic origin of a restriction on that right sufficed, in the absence of compelling reasons, for the requirements of Article 6 to have been breached. However, as can be seen from the *Ibrahim and Others* judgment, followed by the *Simeonovi* judgment, the Court rejected the argument of the applicants in those cases that *Salduz* had laid down an absolute rule of that nature. The Court has thus departed from the principle that was set out, in particular, in the *Dayanan* case and other judgments against Turkey.

»145. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons

weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see *Ibrahim and Others*, … § 265).

»… … …

»147. Lastly, it must be pointed out that the principle of placing the overall fairness of the proceedings at the heart of the assessment is not limited to the right of access to a lawyer under Article 6 § 3 (c) but is inherent in the broader case-law on defence rights enshrined in Article 6 § 1 of the Convention … … …

»148. That emphasis, moreover, is consistent with the role of the Court, which is not to adjudicate in the abstract or to harmonise the various legal systems, but to establish safeguards to ensure that the proceedings followed in each case comply with the requirements of a fair trial, having regard to the specific circumstances of each accused.

[...]

18. Din hija interpretazzjoni li hija eqreb mal-posizzjoni li kienet ħadet din il-qorti qabel is-sentenza ta' Borg milli mal-interpretazzjoni mogħtija mir-Raba' Sezzjoni f'Borg u effettivament tfisser li kellha raġun il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-posizzjoni li kienet ħadet fil-każ ta' Muscat u fis-sentenzi li segwew, qabel ma kienet kostretta tbiddel dik l-interpretazzjoni fid-dawl ta' Borg.

19. Uħud mill-imħallfin membri tal-qorti li tat is-sentenza ta' Beuze, f'opinjoni għalihom, ikkritikaw is-sentenza fejn qalet illi, f'kull każ, trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu u mhux biss in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat, għax dehrilhom illi, iżjed milli preċiżazzjoni tal-interpretazzjoni ta' Salduz fid-dawl ta' Ibrahim, is-sentenza ta' Beuze hija kapo-volġiment ta' dik il-ġurisprudenza. Hu x'inhu, hijiex preċiżazzjoni, elaborazzjoni, evoluzzjoni jew kapovolġiment, din hija sa issa l-aħħar kelma, u tagħti raġun lill-Qorti

Kostituzzjonali ta' Malta fil-ġuris-prudenza li segwiet is-sentenza ta' Muscat.

20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud."

Ikkunsidrat

Illi minn dan it-tagħlim l-aktar riċenti, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tapplikahom għal każ odjern.

***Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni***

Il-qorti tqis l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes kemm fuq l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni. Għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, ta' relevanza għal każ odjern huwa s-segwenti sub-artikoli:

"(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.

[...]

(5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati:

Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari.

(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –

[...]

(ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi;

[...]

(10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali ma għandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha."

Fil-każ tal-lum, ir-rikorrent jallega illi l-ksur għall-jedd tiegħu ta' smigħ xieraq seħħ hekk meta ta stqarrija mhux fil-preżenza tal-avukat tiegħu. Min-naħa l-oħra l-Avukat Ġenerali jġib l-argument illi sabiex jirriżulta li kien hemm leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq ir-rikorrent jeħtieġlu jipprova li n-nuqqas ta' avukat waqt ir-rilaxx tal-istqarrija ikkawżatlu preġudizzju.

L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn akkuża li tkun qiegħda tinstema' minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata.

Fid-dawl taċ-ċirkostanzi li fuqhom ir-rikorrent jibni l-każ tiegħu tal-lum, għandu joħroġ ċar li dawn jirreferu għal qagħda li kienet teżisti qabel ma r-rikorrent kien imqar tressaq quddiem qorti biex iwieġeb għal akkuża magħmula kontrih. F'każ bħal dak, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni

ma jkunux għadhom bdew jgħoddu. Madankollu, in linea ma' dak li ngħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fil-kawża **Malcolm Said vs. Avukat Ġenerali et**, ma jfissirx li dak li jkun sar qabel ma r-rikorrent ikun ġie akkużat ma jistax jolqot, bi preġudizzju għalih, dak li jiġri wara li jiġi akkużat. Għalhekk jekk it-teħid tal-istqarrija jkun sar bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrent, il-vjolazzjoni ma sseħħx daqstant bil-fatt li tkun ittieħdet l-istqarrija meta l-attur kien għadu qed jiġi investigat, iżda bil-fatt li fil-kors tal-proċediment fejn ikun ġie akkużat isir użu mill-istqarrija kontra l-akkużat

Fid-dawl ta'dan, din il-Qorti trid tgħaddi sabiex tikkonsidra jekk kienx hemm ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Ġaladarba li l-applikazzjoni tal-artikolu tiddependi għal kollox minn jekk dik l-istqarrija ntużatx mill-Qorti Kriminali biex waslet għall-fehma aħħarija tagħha jew iddeterminatx is-sentenza li ngħatat, u mill-fatti prodotti jirriżulta fil-fatt li l-istqarrija ġiet ippreżentata fl-atti kriminali, jeħtieġ jiġi eżaminat jekk din l-istqarrija kinitx l-unika prova li nġabet u jekk is-sentenza aħħarija iddependitx solament fuq din l-istqarrija.

Mill-qari tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-8 t'April 2017 jirriżulta li r-rikorrent instab ħati mill-ġurija bi tmien voti kontra wieħed għaż-żewġ akkużi miġjuba kontrih. Sabiex waslet għall-konklużjoni tagħha l-Qorti Kriminali qieset "the acts of the proceedings, including the compilation of evidence tendered in front of the Court of Magistrates", il-fedina penali aġġornata, il-liġi relevanti u wkoll "the Court will take into consideration the amount of drugs involved in this case and the involvement of accused in this drug trafficking organization." Jidher għalhekk li għalkemm l-istqarrija kienet tifforma parti mill-atti, peress li r-rikorrent qatt ma talab l-isfilz tagħha u lanqas oġġezzjona li tiġi ppreżentata u tingħata kopja lil ġurati[32], il-Qorti ma tatx id-deċiżjoni aħħarija tagħha fuq dik l-istqarrija, pjuttost jiġi osservat minn din il-Qorti li l-ebda referenza għall-istqarrija ma għamlet fil-konsiderazzjoni tagħha.

Mill-qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Jannar 2020 jirriżulta li r-rikorrent waqt it-trattazzjoni quddiem l-Appell ressaq aggravji

[32] Verbal tat-3 t'April 2017 – paġna 52 tal-proċess kriminali.

oltre dawk li ġew sollevati fir-rikors t'appell. Fost dawn l-aggravji kien hemm il-kwistjoni li l-akkużat ma kienx assistiet minn avukat huwa u jagħti l-istqarrija. Il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat li

> "The first additional grievance that appellant requested to bring forward during oral submissions before this court concerns the statement of the accused done without the assistance of lawyer. This request was made during the hearing of the 12 June 2019 after various hearings before this court dealing with applications connected with this appeal. The appeal application itself was filed on the 2 May 2017 without any mention of this grievence when the Grand Chamber of European Court of Human Rights had delivered its judgement declaring such practice to be a violation of the right to a fair hearing in **Borg v. Malta** (app. 37537/13) on the 12 of January 2016 prevailing and followed by our courts at the time. Since then, the matter has been revised by the First Chamber of the European Court of Human Rights in **Farrugia v. Malta** (app 63041/13) on the 4 June 2019"

Għalkemm saret referenza għall-istqarrija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ir-referenza saret biss fil-qafas tal-fatti relevanti. Tant huwa l-każ li meta l-Qorti ikkunsidrat l-ewwel aggravju hija osservat li

> "48. The court examined the records of the case, including the testimony of Jose' Benito, all the police officers and the expert reports, including those of the court expert nominated to extract all information from the mobile phones of all the persons mentioned in the facts above, and sequenced all the cross matching of phone numbers and phone calls made and received, including messages, on all phones seized by the Police, together with all the documents. Having gone through this process, this Court is of the opinion that there is no legally valid reason within the parameters expressed *supra* as to merit a variation of the verdict reached by the jury. The evidence presented by the prosecution, if believed by the jury, was sufficient to warrant the decision arrived by the jury through its verdict which was convinced beyond reasonable doubt that there was a sufficient link between the accused, Innocent, Offor, Majimor and Angelo Bilocca to lead them to

> be convinced of the conspiracy to deal in drugs, which fact forms the first count".

Fir-rigward tat-tieni aggravju li ma kienx hemm evidenza ta' traffikar, il-Qorti kkunsidrat li

> "54. [...] The evidence produced by the prosecution to demonstrate the existence of the crime of conspiracy was equally valid to demonstrate the crime of dealing in the drug since the drug found its way into Malta and the jury was convinced that it was Mr. Wilcox that made the necessary arrangements for the drug to be brought over to Malta. By undertaking such an enterprise, the jury could have legally and reasonably concluded that Mr. Wilcox was also guilty of the crime of dealing in drugs by offering to do any of the following, namely, cultivate, import, manufacture, export, distribute, produce, administer or supply the drug."

Għaldaqstant għalkemm ma kien hemm l-ebda dikjarazzjoni li l-istqarrija qiegħda tiġi mwarrba, mis-sentenza finali kemm tal-Qorti l-Kriminali kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali jirriżulta li ġew eżaminat il-provi kollha tal-prosekuzzjoni inkluż li kien hemm provi oħra li jorbtuh mar-reat akkużat bih.

Din il-konsiderazzjoni diġà ġiet applikata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **Simon Xuereb vs. Avukat Ġenerali** (Rik. Kost. Nru 29/2011) deċiża fit-28 ta' Ġunju 2012 meta kkonludiet li:

> analizi akkurata tal-kumpless tal-provi li ngieb a konjizzjoni tal-qrati ta` gudikatura kriminali jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku illi s-sejbien tal-htija tar-rikorrent fir-rigward tal-akkuzi dedotti kontra tieghu ma kienx dipendenti biss u unikament fuq il-fatt illi r-rikorrent irrilaxxja l-istqarrija lill-pulizija. Evidentement dik l-istqarrija ngiebet bhala prova kontra r-rikorrent mill-pulizija u ufficjali tal-pulizija xehdu dwar dak li kien stqarr maghhom ir-rikorrent meta kien interrogat. [...] Fl-isfond tal-mod kif svolga l-gbir tal-provi fil-proceduri kriminali, din il-Qorti tghid illi ma kienx b`dak illi stqarr mal-pulizija meta ma kienx assistit minn avukat illi r-rikorrent

ppregudika l-posizzjoni tieghu izda bl-imgieba generali tieghu fil-vicenda kollha fejn l-impronta tal-htija tieghu kienet ben evidenti u korraborata minn provi ohra li kienu jmorru ben oltre l-parametri tal-istqarrija, provi li wasslu lir-rikorrent illi jammetti l-akkuzi u jmur ghal patteggjament tal-piena. Ghalhekk r-riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropeja fil-kawza "**Imbrioscia vs Switzerland**" tal-24 ta` Novembru 1993 hija rilevanti fil-kaz tal-lum.

Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza u ġaladarba jirriżulta li l-Qorti tal-Appell Kriminal ikkonfermat dak deċiż mill-ġurati li sabu lir-rikorrent ħati fuq provi lil hinn minn dak li jingħad fl-istqarrija, din il-qorti ma tarax li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Ikkunsidrat

***Artikolu 6 tal-Konvenzjoni***

Illi għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, referenza ssir għas-segwenti subartikoli:

> (1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. [...]
>
> (2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skond il-liġi.
>
> (3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin
> [...].
> (ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-

assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk.

L-applikabilità tal-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija usa minn dik mogħtija għall-istess jedd taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan ukoll għaliex l-effetti tal-artikolu tal-Konvenzjoni jistgħu jiddaħħlu fis-seħħ dwar stħarriġ ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq sa minn qabel mal-każ jitressaq għal smigħ quddiem qorti, jekk kemm-il darba jintwera li l-proċediment x'aktarx ikun serjament kompromess b'xi nuqqas ta' tħaris fi stadju bikri ta' xi wieħed mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu. Illum il-ġurnata ma għad fadal l-ebda dubju li, għall-finijiet tal-Artikolu 6 (3) tal-Konvenzjoni, il-jedd li wieħed ikun mgħejjun minn avukat magħżul minnu nnifsu jew imqabbad għalih b'xejn meta ma jkollux minn fejn iħallas avukat, jibda jgħodd sa minn qabel is-smigħ proprju tal-każ kriminali, u ċioe japplika għal meta l-persuna tkun għadha miżmuma b'suspett ta' twettiq ta' reat jew waqt l-istħarriġ tal-istess reat u qabel ma jkunu nħarġu akkużi speċifiċi kontra tagħha[33], diment li ma jkunx hemm raġunijiet tajbin li żżomm lill-akkużat milli jikkonsulta ma' avukat. Taħt din il-kappa ġeneralment jaqgħu sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Hija l-awtorità pubblika li trid turi li kien hemm raġuni tajba biex iċċaħħad lill-persuna milli tkun mgħejjuna minn avukat u kif ukoll li dik il-persuna tassew u mingħajr theddid irrinunzjat għal dak il-jedd.[34]

Fil-każ odjern ma jirriżultax li kien hemm xi raġunijiet hekk serji u partikolari (li l-QEDB tiġborhom taħt il-kliem '*compelling reasons*') li jċaħħdu lir-rikorrent milli jkun assistiet minn avukat waqt li kien qed jagħti l-istqarrija. Ir-raġuni waħdanija li dan ma sarx kienet li, dak iż-żmien il-liġi ma kinitx tħalli li persuna fil-qagħda tar-rikorrent setgħet titlob dik l-għajnuna u assistenza legali.

Kif spjegat taħt il-ġurisprudenza kwotata aktar 'l fuq, m'għadux il-każ li jista' jingħad li l-fatt waħda li l-liġi ma kinitx tippermetti l-assistenza t'avukat, iwassal sabiex awtomatikament jinstab li hemm ksur tal-jedd kif imħares taħt l-

[33] Ara **Stephen Pirotta vs. Avukat Ġenerali** (Rik. Kost. Nru 13/2016JRM) deċiża fit-28 ta' Frar 2019 mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla u fis-27 ta' Settembru 2019 mill-Qorti Kostituzzjonali.
[34] Ara **Dominic Cassar vs. Avukat Ġenerali** (Rik. Kost. Nru 47/2016) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Marzu 2018.

Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Kif ġie muri mill-ġurisprudenza riċenti, diversi huma dawk il-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati:

***Vulnerabilità***

Mill-fedina penali ppreżentata fil-proċeduri kriminali jirriżulta li l-interrogazzjoni mill-pulizija tar-rikorrent f'Ottubru 2012 ma kinitx l-ewwel darbaf'ħajtu li huwa ġie interrogat mill-pulizija. *Di piu*, ir-rikorrent la kien minorenni u lanqas kien ibagħti minn xi forma oħra ta' vulnerabilità fiż-żmien in kwistjoni. Lanqas jirriżulta xi prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet l-istqarrija kienu għalih intimidanti. *Inoltre*, l-imsemmija stqarrija ngħatat volontarjament, mingħajr theddid u wara li ingħata d-debita twissija skont il-liġi, senjatament, li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq iżda li dak li kien ser igħid seta' jinġieb bħala prova kontrih. *Inoltre* jirriżulta ċar li r-rikorrent kien qed jifhem l-import taċ-ċirkostanza li kien jinsab fiha u ma kien affett minn l-ebda vulnerabilità partikolari fis-sens stabbilit mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna meta rrilaxxa l-istqarrija tiegħu ma ġiex muri mir-rikorrent li huwa kien vulnerabbli għal xi raġuni jew oħra dak il-ħin li huwa ta' l-istqarrija. Ma ġiex muri mir-rikorrent li huwa kien ġie mhedded sabiex jiffirma l-istqarrija tant li r-rikorrent ma ffirmahix.

In oltre meta r-rikorrent mar quddiem il-Maġistrat Inkwirenti huwa kien qalilha li hemm xi affarijiet fl-istqarrija li xtaq ibiddel. Il-Maġistrat qratlu l-istqarrija u minn ħin għall-ieħor issaqsih jekk hux kollox tajjeb, u hu ikkonferma dak kollhu li kien hemm imniżżel. Mhux hekk biss talli ta informazzjoni oltre dak li kien hemm fl-istqarrija. Din ġiet osservata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

> "[...] Accused stated before the Inquiring Magistrate under oath that he did not release that statement and that he was very tired and sleepy when talking to the Police. Accused, however, subsequently confirmed all the contents of his statement and added further details which he had not divulged in the original unsigned statement. [...]"

***Il-liġi li tirregola l-interrogazzjoni u l-ammissibilta tal-evidenza***

Nonostante li fl-istadju li kienet qiegħda tingħata l-istqarrija l-liġi ma kinitx tirrikjedi li l-akkużat ikollu l-assistenza legali qabel jiġi interrogat, mill-atti jirriżulta, u jikkonfermaha r-rikorrent ukoll fix-xhieda tiegħu, li huwa kien ġie imwissi li setgħa ma jitkellimx iżda jekk jgħid xi ħaġa dik tista' tinġieb kontrih. Għandu jiġi meqjus ukoll li r-rikorrent ingħata l-fakultà li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu u fil-fatt huwa ħa parir legali minn għand Dr. Leslie Cuschieri ftit wara li ġie arrestat iżda qabel il-kunsinna kontrollata:

> **Court**: What did you request exactly?
> **Mr. Kingsley Wilcox**: I asked, I said I need a lawyer, when they were accusing me of drugs.
> **Dr. Christian Frendo**: Who chose the lawyer Mr. Wilcox?
> **Mr. Kingsley Wilcox**: I choose the lawyer[35]
>
> [...]
>
> **Court**: [...] Did you request a legal advice from your lawyer of your choice?
> **Mr. Kingsley Wilcox**: Yes
> **Court**: Ok, and he gave that advice to you?
> **Mr. Kingsley Wilcox**: Yes.
> **Court**: Irrespective whether you agree with that advice. I am not asking you whether you agreed with that advice. So you had a legal advice
> **Mr. Kingsley Wilcox**: Yes[36]

Għalkemm din l-istqarrija ġiet ppreżentata fl-atti, kif ġie spjegat aktar 'l fuq, din ma kinitx l-unika evidenza li ġiet ippreżentata u meta tat is-sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell Kriminali ħadet in konsiderazzjoni l-provi kollha.

---

[35] Paġna 30 tal-proċess.
[36] Paġna 34 tal-proċess.

***Kontestazzjoni tal-awtentiċita tal-evidenza, il-kwalità ta' dik l-evidenza u l-mod kif inġabret dik l-evidenza***

Ir-rikorrent fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċita tal-evidenza li nġabet mill-Prosekuzzjoni u l-anqas oppona għall-preżentata ta' dik l-evidenza. L-unika kontestazzjoni rigwardanti l-istqarrija tiegħu kienet fi stadju ta' trattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali .

L-evidenza prodotta mill-Prosekuzzjoni kienet tvarja minn xhieda *viva voce* għal rapporti ta' esperti tekniċi. Ir-rikorrent kellu l-opportunità li jagħmel kontro-eżami lix-xhieda kollha u fil-fatt kien hemm uħud mix-xhieda li huwa għamlilhom il-kontro-eżami. Jirriżulta abbundantament illi sew il-Qorti Kriminali kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali ibbażaw id-deċiżjoni tagħhom mhux fuq l-istqarrija tar-rikorrent mogħtija wara li ħa parir mingħand l-avukat tal-fiduċja tiegħu iżda fuq diversi provi oħra imressqa mill-prosekuzzjoni.

***Min għamel l-evalwazzjoni ta' ħtija***

Fil-każ de quo kienet il-ġurija wara li l-Imħallef ripetutament fakkret lill-ġurati li l-ħtija għandha tkun *beyond reasonable doubt*. Finalment kienet l-Imħallef li laqgħet il-vot tal-ġurija u ppronunzjat il-piena. Dik is-sentenza ġiet skrutinizzata minn tlett Imħallfin sedenti f'Qorti ta' sede Superjuri u għalhekk f'kull stadju kien hemm analiżi minn persuni b'għarfien għoli tal-proċeduri legali u l-liġi Maltija.

***Interess pubbliku***

Illi fil-każ odjern huwa fl-interess pubbliku li jitwaqqaf it-traffikar tad-droga ġewwa pajjiżna.

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha u wara li fliet l-atti tal-kawża, il-Qorti ssib li r-rikorrent ma werriex li tassew ġarrab leżjoni tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq lanqas taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Għalhekk, il-Qorti sejra ssib li t-tieni u t-tielet talbiet tiegħu ma jixirqilhomx jintlaqgħu.

**b. Ir-rikorrent ipparteċipa fil-kunsinna kkontrollata mingħajr ma kkonsulta avukat u mingħajr ma l-avukat tiegħu kien preżenti matul in-negozjati mal-pulizija**

Taħt din il-kappa r-rikorrent jissottometti li l-konsenja kkontrollata għandha tkun waħda ġusta u ma tippreġudikax id-drittijiet fundamentali tal-persuna arrestata u jgħaddi sabiex jindika numru ta' jeddijiet li għandhom jinataw lill-persuna involuta f'konsenja kkontrollata.

F'dan il-każ ir-rikorrent jargumenta li kull stadju ta' konsenja kkontrollata għandha tiġi trattata b'attenzjoni fejn għandu jiġi spjegat kull pass lill-persuna suspettata, bil-għan li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja kif ukoll li għandu jkollu l-possibilità li jikkonsulta mal-avukat tiegħu li ser jagħmel kunsinna kontrollata kif ukoll li l-avukat għandu jkun preżenti waqt in-negozjati.

L-allegazzjoni li r-rikorrent ipparteċipa f'kunsinna kontrollata mingħajr ma kkonsulta avukat ġiet biss sollevata f'dan l-istadju u qatt qabel ma tqajmet din il-kwistjoni quddiem il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Appell Kriminali. Dan magħdud din il-Qorti tqis li din l-allegazzjoni hija waħda fallaċi u dan għaliex ir-rikorrent kellu l-opportunità li jkellem lill-avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma fil-fatt ipparteċipa u seħħet il-kunsinna kontrollata:

> **Dr Christian Frendo**: Hemm forsi nfakkrek ftit. Inti fix hin kont mort id-Depot tkellmu?
> **Xhud [Dr Leslie Cuschier]**: Jiena jidhirli li kont mort inkellmu xi numru ta' sighat wara li gie arrestat.
> **Dr Christian Frendo**: Orajt. mela wara li gie arrestat inti mbaghad assistejtu quddiem il-Qrati.
> **Xhud [Dr Leslie Cuschier]**: Iva.
> **Dr Christian Frendo**: Issa li qed tiftakar li mort tkelmu ftit sighat biss wara li gie arrestat, il-fatt li saru zewg control deliveries ovvjament se tiehu l-hin, tista' forsi tiftakar jekk giex diskuss dan qabel jew wara? Ghax taghmel differenza kbira.

**Xhud [Dr Leslie Cuschier]**: Dejjem jekk niftakar sew, jigifieri I stand to be corrected, jiena jidhirli li meta kellimtu ma kienx ghadu ghamilhom il-controlled deliveries, safejn naf jien. U safejn naf jien ukoll, ghax imbaghad tibda biex nghid hekk titfixkel xi jkun ntqal f'gurnata u xi jkun intqal f'gurnata ohra, safejn niftakar jiena l-kwistjoni tal-control deliveries dik id-darba li kellimtu fil-bidu nett, jigifieri ma nahsibx li kienet tqajmet[37].

Mix-xhieda tal-Ispettur Herman Mula kif ukoll tal-Ispettur Pierre Grech, ir-rikorrent kien ben konxju li ser jassisti fil-kunsinna kontrollata qabel ma kellem lill-avukat tiegħu u dan għaliex mill-ewwel wera interess li jassisti lill-Pulizija. Għaldaqstant jekk ir-rikorrent għażel li ma jgħid xejn lill-avukat tiegħu dwar l-intenzjoni tiegħu li jagħmel kunsinna kontrollata hija nuqqas min-naħa tiegħu li ċertament ma tammontax għal ksur tad-dritt għal smigħ xieraq. *Dato ma non concesso* li "l-pulizija wettqu eżerċizzju intensiv ta' coercive persuasion"[38], din il-Qorti ma tistax ma tinnotax li ma nġabet l-ebda prova ta' dan, lanqas prova ta' dan ma nġabet quddiem il-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali.

Fir-rigward in-nuqqas ta' preżenza tal-avukat waqt in-negozjati, din il-Qorti tqis li l-qbil min-naħa tar-rikorrent sabiex issir il-kunsinna kontrollata seħħ waqt l-interrogazzjoni u m'hijiex materja iżolata bħal ma donnu qiegħed jagħti l-impressjoni r-rikorrent billi jsejħilhom negozjati. It-terminu negozjati, użat mir-rikorrent m'huwiex it-terminu ideali u dan għaliex dak li jiġri huwa li l-Pulizija jsaqsu lill-arrestat jekk jixtieqx jgħin lill-Pulizija u li jekk jagħmel hekk "il-piena titnaqqas, dwar priġunerija, bi grad wieħed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs"[39]. Però ta' min jgħid li dan it-tnaqqis huwa għad-diskrezzjoni tal-qorti li quddiemha tkun qiegħda tinstema' l-kawża.

Dak li jiġri meta l-arrestat jaqbel li jkompli bil-kunsinna tiegħu huwa li jeżegwixxi dak li ġie ordnat li jagħmel minn terzi u mhux mill-pulizija (dan ser jiġi spjegat taħt il-kappa li tikkunsidra l-*entrapment*). M'humiex il-pulizija li

[37] Paġna 49 tal-proċess.
[38] Premessa 27; paġna 6 tal-proċess.
[39] Artikolu 29 tal-Kapitolu 101.

jagħtu l-ordni ta' kif għandha ssir il-kunsinna. Filwaqt li l-arrestat jagħmel il-kunsinna kif ordnat minn terzi, il-pulizija jissorveljaw dik il-kunsinna u jagħmlu l-arresti meħtieġa.

In oltre ġaladarba il-qbil surreferit issir waqt l-interrogazzjoni, sabiex jiġi evitat ripetizzjoni inutli, din il-Qorti tirreferi għal dak li ingħad taħt il-kappa ta' qabel din stante li fil-mument li saret l-interrogazzjoni l-liġi ma kinitx tippermetti l-assistenza ta' avukat. In vista ta' dak li ingħad taħt din il-kappa kif ukoll dak li ġie ikkunsidrat taħt l-ewwel kappa, il-Qorti tiddeċiedi li lanqas f'dan ir-rigward ma kien hemm leżjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u għalhekk tgħaddi sabiex tiċħad ir-raba' u l-ħames eċċezzjoni.

**c. Ġie applikat l-Artikolu 30B tal-Kapitolu 101 (Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi), liema artikolu skont ir-rikorrent mhux kompatibbli mad-dritt tas-smigħ xieraq**

Ir-rikorrent jiġġustifika din il-lanjanza billi fir-rikors promotur (u jirrepetihom fin-nota ta' sottomissjonijiet) jelenka sett ta' drittijiet li allegatament għandu l-arrestat meta tkun qed tiġi mħaddma l-**Artikolu 30B**. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> "(1) Minkejja kull ħaġa li tinsab f'kull liġi oħra, il-Pulizija Esekuttiva, u fejn ikun il-każ, l-Awtoritajiet tad-Dwana, jistgħu, bil-kunsens tal-Avukat Ġenerali jew ta' maġistrat, iħallu li ssir konsenja kontrollata.
>
> (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, konsenja kontrollata tfisser it-teknika li biha konsenja illeċita jew suspettata ta' mediċina perikoluża (kif imfissra fl-artikolu 12) jew ta' flus, proprjetà jew rikavat kif hemm imsemmi fl-artikolu 22(1Ċ)(a) titħalla toħroġ minn Malta, tgħaddi minn Malta jew tidħol Malta, jew titħalla tgħaddi minn post jew mingħand persuna f'Malta għal post ieħor jew persuna oħra f'Malta, jew titħalla tidħol fit-territorju ta' pajjiż ieħor bil-kunsens u taħt is-sorveljanza tal-Pulizija Esekuttiva u, fejn tkun il-każ, tal-Awtoritajiet tad-Dwana u tal-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż ieħor, bil-għan li jiġu identifikati l-persuni involuti fl-egħmil tar-reati taħt din l-

Ordinanza jew taħt il-liġi korrispondenti li tkun isseħħ fit-territorju ta' dak il-pajjiż ieħor.

(3) Il-Pulizija Esekuttiva jew xi persuna taħt is-sorveljanza jew direzzjoni tal-Pulizija Esekuttiva tista', bil-kunsens tal-Avukat Ġenerali jew ta' maġistrat, bil-għan li tidentifika persuni involuti fl-egħmil tar-reati taħt din l-Ordinanza, takkwista jew tipprokura mediċina perikoluża (kif imfissra fl-artikolu 12) jew konsenja suspetta ta' flus, proprejtà jew rikavat kif hemm imsemmi fl-artikolu 22(1Ċ)(a) mingħand kull persuna u minn kull post."

L-Artikolu 534AB tal-Kodiċi Kriminali jelenka dawk id-drittijiet li l-persuna suspettata jew lill-akkużat li l-Pulizija (jew il-Qorti) għandha tinformah bihom. Fost dawn id-drittijiet wieħed isib "(a) d-dritt ta' aċċess għal avukat", liema dritt huwa spjegat ben ċar fl-Artikolu 355AUA tal-istess Kodiċi. Paragrafu (ċ) tat-tmien (8) sub-artikolu tal-Artikolu 355AUA jipprovdi r-regola ġenerali li "*l-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni*". B'dan għalhekk dan il-jedd huwa wkoll mogħti lis-suspettat li jkun qiegħed jassisti f'kunsinna kontrollata taħt l-Artikolu 30B tal-Kapitolu 101. In oltre l-istess suspettat għandu l-jedd li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu privatament għal tal-anqas siegħa qabel tibda l-interrogazzjoni. F'din is-siegħa l-avukat, li l-għodda tiegħu hija l-liġi, jista' jispjega lis-suspettat bil-possibilità li ssir kunsinna kontrollata skont l-Artikolu 30B u bil-fatt li jista' jigwadanja minn tnaqqis tal-piena taħt l-Artikolu 29. L-Avukat jista' jispjegalu wkoll xi jfisser li jkun qiegħed jassisti taħt l-Artikolu 30B. Din il-Qorti tqis li mix-xhieda rriżulta li l-Pulizija jinfurmaw lill-persuna arrestata bil-provi li għandhom kontra tagħha u jispjegawlha wkoll li jistgħu jigwadanjaw minn piena ridotta jekk jassistu lill-Pulizija. Il-fatt li persuna suspettata qiegħda tiġi nfurmata li l-piena tista' tiġi mnaqqsa jfisser li sejra titressaq quddiem il-Qorti għar-reat li hija inqabdet għalih, fejn fil-każ odjern huwa t-traffikar tad-droga kokaina. Għalhekk ir-rikorrent huwa skorrett meta jgħid li l-"persuna suspettata awtomatikament jintrabat mal-konsenja kontrollata u l-akkużi ta' traffikar tad-droga". M'hijiex il-kunsinna kontrollata li tiddetermina r-reat.

Il-kunsinna kontrollata m'hijiex organizzata mill-Pulizija iżda dik il-kunsinna ssir fuq struzzjonijiet ta' terzi, altrimenti dik tkun tammonta għal *entrapment*. Il-Pulizija jissorveljaw dik il-kunsinna u għalhekk jingħad li l-kunsinna hija waħda kkontrollata. Dan magħdud, din il-Qorti ma tarax x'valur għandu jew xi dritt jkun qiegħed jiggwadanja minnu s-suspettat jekk l-avukat ta' dik il-persuna tkun taf "dwar id-dettalji speċifiċi tal-konsenja tal-kontroll". Għandu jiġi meqjus li l-kunsinna kontrollata għandhom ikunu jafu biha n-nies involuti f'dik l-operazzjoni biss u dan sabiex ma tiġix sfrattata dik il-kunsinna.

Għalkemm huwa minnu li l-liġi tonqos milli telenka l-proċedura amministrattiva li għandha issegwi l-Pulizija, din il-Qorti ma tarax kif qiegħed jiġi leż l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta li għalkemm fi żmien l-arrest tar-rikorrent il-Pulizija ma kienux iżommu *recording per se* tat-telefonati (il-Qorti ma ngħatatx tagħrif dwar jekk illum il-ġurnata t-telefonati humiex rekordjati) kienu jżommu rikordju tat-telefonati kollha li jsiru waqt il-preparamenti sabiex issir il-kunsinna kontrollata u ċioe il-ħin tal-kuntatt telefoniku u bejn min sar dak il-kuntatt. Din il-Qorti tifhem li l-Pulizija jridu jaġixxu b'kawtela sabiex l-azzjoni tagħhom ma tagħtix lok għal *entrapment*.

Finalment il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax ukoll li l-kunsinna kontrollata ssir bil-kunsens tal-Maġistrat. B'dan għalhekk il-Maġistrat, li għandu għarfien għoli tal-proċeduri legali u l-liġi Maltija, qabel jagħti l-kunsens tiegħu jiżgura li dik il-kunsinna mhux ħa ssir bi ksur tal-liġi.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tgħaddi sabiex tiċħad ukoll is-sitt u s-seba' talba tar-rikorrent.

**d. *Entrapment***

Il-kunċett t'*entrapment* u l-aġent provokatur huma mfissra tajjeb fi **Wharton's Criminal Evidence**:

*"it is clear that traps may be laid and that artifice and stratagem may be employed to catch those engaged in criminal enterprises. But when a law enforcement officer induces an innocent person to commit a crime that otherwise would never had been committed, the defence of entrapment would be available in the event that the actor were prosecuted thereof. The distinction has been aptly perceived thus, "It is not the entrapment of a criminal upon which the law frowns but the seduction of innocent people into a criminal career by its officer is what is condemned and will not be tolerated."*[40]

Kif kienet fissret ir-*Royal Commission on Police Powers* tal-1928 fl-Ingilterra (Cmd. 3297), aġent provokatur huwa proprjament "*a person who entices another to commit an express breach of the law which he would not otherwise have committed and then proceeds to inform against him in respect of such an offence*".[41] Fuq din it-tema, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fid-19 ta' Jannar 1996 fid-deċiżjoni **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eugenio sive Genio Gaffarena** iddefiniet l-aġent provokatur "bħala xi persuna imqabbda minn xi awtorita', imqabbda mill-pulizija, li tħajjar lil ħaddiehor biex jikser il-liġi jew jikkometti xi delitt [...] imbagħad din il-persuna tirrapurtah ta' dan il-ksur".

Referenza issir ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ronald Psaila** (Nru 187/2001) mogħtija fit-8 ta' Jannar 2002 fejn ġie spjegat li

"L-espressjoni "*which he would not otherwise have committed*" hija importanti f'dan il-kuntest, hu hija l-qofol fid-distinzjoni bejn l-agent provokatur jew il-persuna li jistiga l-kommissjoni ta' reat fuq naha, u l-persuna li tillixka jew tintrappola li min ikun diga predispost li jikkommetti dak ir-reat indipendentement mill-intervent tal-ufficjal tal-pulizija jew ta' min ikun qed jagixxi fuq struzzjonijiet tal-pulizija. Kif inghad fis-sentenza

[40] L-Ewwel Volum, paġna 56.
[41] Ara ***Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice*** 2001, Sweet & Maxwell (London), 2001, para. 15-491, pagna 1532.

> ta' Gaffarena (fuq l-iskorta ta' sentenza Amerikana hemm citata), "*decoys are permissible to entrap criminals but not to create them*"."

B'dan il-punt iċċarat, din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet **Henry Grogan et vs. Avukat Ġenerali** (Rik Kost Nru 80/2012) deċiża fl-10 ta' Lulju 2015 tagħmel sunt tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fejn sabet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6 (1) wara li kien hemm *entrapment* kif ukoll ta' dawk id-deċiżjonijiet meta ma sabitx li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6 (1):

> "Il-Qorti Ewropea sabet vjolazzjoni ta' smiegh xieraq minhabba l-uzu t'Agenti Provokaturi li wassal ghall-*entrapment* fis-segwenti decizjonijiet taghha: fil-kaz **Teixeira de Castro vs Portugal** App. No. 44/1997/828/1034 deciza 9 ta' Gunju 1998, il-Qorti sabet illi kien hemm *entrapment* u konsegwentament ksur ta' smiegh xieraq 'l ghaliex l-attivita' u l-intervent tal-Pulizija wasal ghall-indottament f'reat kriminali stante li z-zewg Pulizija pajzana agixxew minghajr ebda supervizzjoni gudizzjarja u instigawh jixtri ammont sostanzjali ta' droga. Illi in oltre fil-kaz **Vanyan vs Russia** App. No. 53203/99 deciza fil-15 ta' Dicembru 2005, il-Qorti Ewropea rrizultalha *entrapment* bi vjolazzjoni ta' dritt ta' smiegh xieraq, 'l ghaliex l-Pulizija fuq l-inizjattiva taghhom, qabbdu lill-infiltratur sabiex jiehu sehem f'*test purchase* bil-ghan illi jintrappola l-applikant f'reat ta' traffikar tad-droga, reat meqjus li qatt ma kien isehh minghajr l-istigazzjoni tal-infiltratur - Vide ukoll **Khudobin vs Russia** App. No. 59696/00 deciz 26 t'Ottubru 2006. Fis-sentenza **Ramanauskas vs Lithuania** App. No. 74420/01, deciz mill-Grand Chamber fil-5 ta' Frar 2008, il-Qorti Ewropea sabet illi kien sehh *entrapment* bi ksur ta' smiegh xieraq ghaliex kienet il-Pulizija li ghamlet l-ewwel kuntatt u hajret lill-prosekutur jacetta tixhima u li, minghajr l-intervent tal-Pulizija, r-reat qatt ma kien isehh. Hekk ukoll, il-Qorti Ewropea sabet illi kien gie prattikat *entrapment* tali li jivvjola d-dritt ta' smiegh xieraq fil-kaz **Veselov and others vs Russia** App. No. 23200/10 24009/07 556/10 decizi fit-2 t'Ottubru 2012, l-ghaliex l-informatur li indika l-applikant Veselov, kien ta' spiss jahdem t'*undercover agent* mal-Pulizija, u

l-Qorti sabet illi kien hemm nuqqasijiet strutturali tant li ma jipprovdux ghal salvagwardji kontra l-instigazzjoni jew provokazzjoni mill-Pulizija.

Ghal kuntrarju il-Qorti Ewropea sabet illi **ma kienx sehh *entrapment*** u ghaldaqstant ma kien hemm ebda vjolazzjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq fejn kien l-applikant hu stess, li mar fuq informatur tal-Pulizija biex iwettaq konsenja ta' flus foloz – Vide **Radermacher and Pferrer vs Germany** deciza 11 t'Ottubru 1990; fejn l-applikant kien volontarjament ikkuntattja lill-infiltratur tal-Pulizija (f'operazzjoni kongunta bejn il-Pulizija Taljana u dik Tedeska) u organizza x-xiri tad-droga u wera lilu nnifsu bhala involut f'organizzazzjoni internazzjonali ta' traffikanti tad-droga- Vide ukoll **Calabro vs Italy and Germany** deciza fil-21 ta' Marzu 2002; fejn l-applikant kien f'diskussjonijiet ma informatur tal-Pulizja biex tigi importata droga eroina fil-Portugal u l-Qorti qieset li ma kienx l-informatur li pprovoka l-kummissjoni tar-reat – Vide **Sequiera vs Portugal** deciza 6 ta' Mejju 2003; fejn l-Agent Provokatur kien gurnalista kompletament indipendenti mill-Pulizija li hajjar lill-applikant ghat-twettiq tar-reat – Vide **Shannon vs United Kingdom** deciza 6 t'April 2004; u fejn l-inizjattiva kienet gejja minn individwu privat – Vide **Miliniene' vs Lithuania** App No. 74355/01 deciza fl-24 ta' Gunju 2008."

Sentenza mill-aktar riċenti dwar l-*entrapment* hija dik fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Angelo Bilocca et** (Att t'Akkuza Nru 07/2015) deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fis-16 t'Ottubru 2019.[42] Wara li l-Qorti kwotat l-Artikolu 30B tal-Kapitolu 101 hija waslet sabiex tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

"**49**. Qabel xejn, tajjeb jinghad illi stratagemmi konsistenti f`operazzjonijiet ta' konsenji kkontrollati u ta` uzu ta' agenti provokaturi li permezz taghhom il-pulizija jikxfu atti kriminali mhumiex atti li jmorru kontra l-ligi. Dan isehh biss meta jintwera b'mod konvincenti li r-reat ma kienx ser jigi mwettaq li kieku ma kienx ghal dak l-intervent tal-agent provokatur, li min-

[42] Ara wkoll **Christopher Polidano vs. Avukat Ġenerali** (Rik Kost Nru 128/2018JVC) deċiż mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fit-23 ta' Jannar 2020 (mhux appellata).

naha tieghu jkun induca lill-individwu biex iwettaq reat. Diversament ikun il-kaz jekk l-individwu koncernat xorta kellu l-hsieb li jwettaq dak ir-reat indipendentement mill-intervent tal-agent f`liema kaz ma jkunx hemm 'entrapment' billi ma jkunux l-agenti provokaturi l-fattur determinanti li jkunu nducew lil dak l-individwu biex jikkommetti r-reat.

[…]

**51.** Minn qari ta' din id-disposizzjoni, jirrizulta li l-konsenja kkontrollata, debitament awtorizzata kif tghid id-disposizzjoni, ghandha il-ghan li jigu identifikati persuni li huma involuti fil-kummissjoni ta' xi reat li jaqa' taht l-Ordinanza. Fil-kaz tal-lum, l-ghan wara l-konsenja kkontrollata kien sabiex jigu identifikati dawk il-persuni involuti fl-importazzjoni tad-droga kokajina li nstabet fil-pussess ta' Jose Manuel Domingo Benito, huma min huma. Il-konsenja kkontrollata ma ssirx biex tinqabad persuna partikolari, izda kull min jista' jkun involut fil-kummissjoni tar-reat, purche` l-konsenja tkun debitament awtorizzata.

**52**. Illi din it-tifsira tinsab ukoll fil-*1988 UN Convention against Illicit Traffic in Narcotic Drugs and Psychotropic Substances* riprodotta ukoll fil-*2000 UN Convention against Transnational Organised Crime* fejn hija hekk definita :-

***The technique of allowing illicit or suspect consignments of (…) drugs (…) or substances substituted for them, to pass out of, through or into the territory of one or more countries, with the knowledge and under the supervision of their competent authorities, with a view to identifying persons involved in the commission of offences (…)*"**

**53**. Illi allura l-identifikazzjoni tal-persuni involuti fil-kummissjoni tar-reat ghandha issir bl-ghajnuna ta' din it-teknika investigattiva moghtija lill-pulizija ezekuttiva jew lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiz bil-ghan li tkun facilitata l-intercettazzjoni ta' l-persuni nvoluti.

**54**. Illi l-awtorizzazzjoni tal-Magistrat Inkwirenti sabiex tkun tista` ssir il-konsenja kkontrollata tad-droga f'dan il-kaz hija esebita fl-atti tal-kumpilazzjoni.

[...]

**56**. Dan premess, ghandha xorta wahda issir tali prova tul ic-celebrazzjoni tal-guri b'dan ghalhekk illi l-Prosekuzzjoni tkun trid tipprova illi l-investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija kienet skont il-ligi.

**57**. Dan ifisser illi l-appellanti Cassar bl-ebda mod ma tista' tallega li giet indotta tikkommetti reat billi l-pulizija waslu sabiex jixluha bir-reati lilha addebitati in forza ta' operazzjoni minnhom kondotta u debitament awtorizzata.

**58**. Fis-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-10 ta` Lulju 2015 fil-kawza fl-ismijiet **Henry Grogan et vs Avukat Generali** (mhux appellata), kien affermat illi l-konsenja kkontrollata ma tistax tigi ekwiparata ma' l hekk imsejjah *entrapment* :

**"Illi fl-isfond tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, (ghalkemm kull kaz irid jigi evalwat fl-isfond tal-provi prodotti) din il-Qorti tqis li l-linja ta' dimarkazzjoni bejn ghemil tal-Pulizija legittimu u entrapment, huwa mfisser b'mod l-iktar artikolat fis-sentenza Regina vs Loosely (House of Lords [2001] UKHL 53) deciza fil-25 t'Ottubru 2001 :**

**"*Accordingly, one has to look elsewhere for assistance in identifying the limits to the types of police conduct which, in any set of circumstances, are acceptable. On this a useful guide is to consider whether the police did no more than present the defendant with an unexceptional opportunity to commit a crime. I emphasise the word unexceptional. The yardstick for the purpose of this test is, in general, whether the police conduct preceding the commission of the offence was no more than might have been expected from others in the circumstances. Police conduct of this***

***nature is not to be regarded as inciting or instigating crime, or luring a person into committing a crime. The police did not more than others could be expected to do. The police did not create crime artificially."***

**59**. Kompla jinghad hekk :-

**"Il-kuncett ta' entrapment u l-Agent Provokatur huma mfissra tajjeb fi"Wharton's Criminal Evidence" :**

**"it is clear that traps may be laid and that artifice and stratagem may be employed to catch those engaged in criminal enterprises. But when a law enforcement officer induces an innocent person to commit a crime that otherwise would never had been committed, the defence of entrapment would be available in the event that the actor were prosecuted thereof. The distinction has been aptly perceived thus, "It is not the entrapment of a criminal upon which the law frowns but the seduction of innocent people into a criminal career by its officer is what is condemned and will not be tolerated."**

**60.** Allura huwa biss mid-determinazzjoni tal-provi li ser jitressqu fil-kors tal-guri li jista' jigi stabbilit jekk l-appellanti Cassar setghetx kienet indotta bhala persuna innocenti tikkommetti reat li altrimenti hija ma kenitx tikkommetti li kieku mhux ghall-agir tal-pulizija, fatt illi f'dan l-istadju ma jistax jigi determinat u wisq anqas johrog mill-atti kkompilati, billi jirrizulta illi l-konsenja kkontrollata sehhet bid-debita awtorizzazzjoni tal-Magistrat Inkwirenti.

**61. Anke dan l-aggravju qed ikun michud.**"

Tal-istess fehma kienet il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni minnha mogħtija fis-27 t'Ottubru 2017[43] fl-ismijiet **Briegel Micallef vs. Avukat Ġenerali** (Rik Nru 67/16JRM) konfermanti s-sentenza tal-Prim' Istanza:

> "14. Ir-rikorrent donnu jinsa' illi sal-mument meta nieda dawn il-proceduri bir-rikors tieghu tat-12 ta' Lulju 2016, l-ebda Qorti ma kienet qieset li d-difiza tieghu ta' *entrapment* kienet invalida jew inammissibbli jew iddikjarat li, kieku jirrizultaw cirkostanzi ta' *entrapment,* xorta wahda ma tikkunsidrahiex. Huwa maghruf illi ma huwiex l-iskop ta' proċeduri ta' indoli kostituzzjonali li jieħdu post dawk ordinarji, jew li qrati b'setgħat kostituzzjonali jiddeċiedu kwistjonijiet qabel ma dawn jiġu deċiżi mill-qrati ordinarji. Ghalhekk huwa pjuttost anomalu li r-rimedju ordinarju jigi sospiz sakemm jigu decizi l-proceduri kostituzzjonali. Fil-kaz odjern jigi senjalat li d-determinazzjoni tal-fatt kienx hemm *entrapment* jew le hija ta' kompetenza tal-qrati kriminali ordinarji u ghalhekk dan il-punt ghandu l-ewwel jigi investigat u deciz minn dik il-qorti li hija munita bil-kompetenza li tiddeciedi kwistjonijiet relatati ma' l-ammissibbilita` o meno tal-provi u, fil-kaz ta' qorti ta' gurisdizzjoni kriminali hija dejjem ghandha s-setgha tagħmel riferenza kostituzzjonali jekk tħoss li dan huwa meħtieġ biex tiddeċiedi l-kwistjoni.
>
> 15. Barra minnhekk, f'dan l-istadju l-Qorti tal-Appell Kriminali ghadha ma ddecidietx jekk kienx jezisti *entrapment* fil-kaz tar-rikorrent u ghalhekk, dan ghad jista' jigi liberat mill-akkuzi, f'liema kaz ikun mankanti fir-rikorrent l-interess guridiku li jressaq proceduri kostituzzjonali ghax jkun priv minn *victim status* necessarju sabiex ikollu l-legittimazzjoni attiva f'dawn il-proceduri."

Jirriżulta mill-atti illi l-konsenja tad-droga in kwistjoni mir-rikorrent (li kieku ma nqabadx qabel) kienet xorta waħda ser isseħħ. Però mill-iskorta tas-sentenza mogħtija mill-Qrati Superjuri fuq ċitati, din il-Qorti m'hijiex il-Qorti idonea sabiex tiddetermina jekk l-atteġġjament tal-Pulizija sabiex jarrestaw lir-

[43] Ara wkoll **Alan Muscat vs. Avukat Ġenerali** (Rik Nru 45/2013TM) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 t'Ottubru 2013.

rikorrenti fuq traffikar ta 'l fuq minn kilogramma kokaina qabel ma kellem lill-Pulizija dwar dak li kien ser jagħmel sabiex ikun jista' japprofitta minn patteġġjament fis-sentenza karċerarja tiegħu, jammontax għal *entrapment* jew konsenja u xiri kontrollati fit-termini tal-liġi. Li hu fiż-żgur huwa li l-pulizija f'dan il-każ partikolari ottjeniet l-awtorizzazzjoni tal-Maġistrat u segwiet il-passi ta' Wilcox li kien ingħata struzzjonijiet minn terzi u mhux mill-pulizija. Il-Qorti għalhekk ma tistax tqis li din il-konsenja kontrollata b'xi mod illediet id-dritt ta' smigħ xieraq tar-rikorrent stante li bl-ebda mod ma jirriżulta li huwa seta' ġie instigat mill-pulizija sabiex jagħmel xi atti kriminali. Għal dawn il-motivi l-Qorti sejra tgħaddi sabiex tiċħad ukoll it-tmien talba tar-rikorrent.

**e. Ġiet applikata dispożizzjoni ħażina tal-liġi**

Taħt dan l-ilment ir-rikorrent jagħmel distinzjoni bejn il-konsenja kkontrollata taħt l-Artikolu 30B tal-Ordinanza dwar id-Drogi Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-konsenja kkontrollata taħt l-Artikolu 435E tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Ir-rikorrent permezz ta' dan l-ilment jsostni li l-konsenja kkontrollata tmur kontra l-liġi u għalhekk hija llegali u konsegwentament inammissibli u dan stante li fil-konsenja kkontrollata saru tibdiliet mill-Pulizija. Filwaqt li l-Artikolu 30B tal-Ordinanza dwar id-Drogi Perikolużi jipprovdi li l-konsenja kkontrollota tista' tiġi awtorizzata kemm mill-Avukat Ġenerali kif ukoll mill-Maġistrat Inkwerenti; fil-każ tal-Artikolu 435E tal-Kodiċi Kriminali tiġi awtorizzata mill-Avukat Ġenerali biss u l-konsenja lleċita tista' tiġi mħollija bla mittiefsa jew imneħħija jew mibdula għal kollox jew in parti skont il-bżonnijiet tal-każ. Ir-rikorrent jargumenta li stante li l-Pulizija bidlu l-pakkett kontenenti trab abjad ma' *dummy* l-awtorizzazzjoni li kellha tinġieb kienet waħda mingħand l-Avukat Ġenerali u mhux bħal fil-każ in eżami mingħand il-Maġistrat Inkwerenti.

Din il-Qorti tqis li tali lment huwa wieħed purament proċedurali u mhux relatat ma' ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem, għalhekk din il-kwistjoni

kellha semai tiġi ndirizzata quddiem il-Qorti Kriminali, b'dan għalhekk id-disa' talba tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat

Ladarba l-Qorti ma sabitx ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, ma hemm l-ebda rimedji effettivi jew provvedimenti oħrajn xierqa li hija jmissha tagħti għall-finijiet tat-talbiet min-numru għaxra sa numru erbatax.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tiddikjara l-mertu tal-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat eżawrit stante li l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent ġew konklużi fil-mori tal-kawża odjerna qabel ingħatat din is-sentenza;

2. Tilqa' r-rimanenti eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat;

3. Tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

   Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**